# Terminoloġija

Suppliment ma' l-aċċent Novembru 2019

# BAĠIT TAL-UE MODERN GĦAL UNJONI LI TIPPROTEĠI, TAGĦTI S-SETGĦA U TIDDEFENDI

## It-terminoloġija ewlenija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 (It-tieni parti)



INIZJATTIVA terMal

# "BAĠIT TAL-UE MODERN GĦAL UNJONI LI TIPPROTEĠI, TAGĦTI S-SETGĦA U TIDDEFENDI"

## It-terminoloġija ewlenija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 – (It-tieni parti)

F'dan is-Suppliment issibu t-tieni parti tal-ġabra tat-termini relatati mal-"Qafas Finanzjarju Pluriennali" (QFP). Fuq talba ta' wħud mill-qarrejja, it-termini bl-Ingliż ġew elenkati f'ordni alfabetiku. Nittamaw li dan il-format issibuh iktar faċli biex tużawh.

Infakkrukom li dan is-Suppliment, kif ukoll l-oħrajn kollha li ġew ippubblikati s'issa tistgħu ssibuhom ukoll online[1]. Inħeġġukom biex it-termini li ssibu f'ħarġiet preċedenti tas-Suppliment, dejjem tivverifikawhom fil-IATE[2] għaliex jista' jagħti l-każ li xi wħud minnhom ikunu ġew emendati jew aġġornati tul is-snin. Il-IATE huwa bażi ta' *data* ħajja u għalkemm il-biċċa l-kbira tat-termini u l-kunċetti huma stabbli, oħrajn jafu jinbidlu għal raġunijiet varji. Fil-IATE jkollkom garanzija li ssibu kollox aġġornat kif suppost.

Barra minn hekk, f'Diċembru tal-2018 l-interfaċċa tal-IATE u l-bażi tad-*data* nnifisha nbidlu totalment. L-interfaċċa ngħatat dehra ħafna iktar moderna u l-IATE issa jista' jintuża faċilment fuq apparati elettroniċi differenti, bħal ngħidu aħna l-mobile jew it-tablet. Il-faċilitajiet tat-tiftix ittejbu ħafna kif ukoll il-mod kif wieħed jista' jara r-riżultati ta' tiftixa partikolari. Għal aktar tagħrif dwar dawn il-karatteristiki l-ġodda tistgħu tagħtu ħarsa lejn il-fuljett hawn: https://iate.europa.eu/assets/brochure_internal.pdf[3].

It-Terminologi tal-Kummissjoni Ewropea
Jennifer Debarro
Jeantide Naudi
*Ikkuntattjana fuq: DGT-TERMAL@ec.europa.eu*

**KONTU TAFU LI...?**

Dawn id-definizzjonijiet u n-noti kollha tistgħu ssibuhom ukoll fuq l-interfaċċa pubblika tal-IATE, aċċessibbli minn http://iate.europa.eu/?

Mhux hekk biss... Għal kull terminu kkwotat hawnhekk, din il-bażi ta' *data* terminoloġika tipprovdi għadd ta' referenzi importanti, inkluż is-sors minn fejn tkun inkisbet id-definizzjoni kif ukoll kuntesti meħuda minn dokumenti ppubblikati fejn ikun okkorra t-terminu mfittex. Għal aktar dettalji dwar l-istruttura u r-rwol tal-IATE, nistednukom taqraw l-artiklu li qed inħejju għall-ħarġa li jmiss ta' *l-aċċent*!

[1] l-*aċċent*: http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/mt_magazine_en.htm
[2] *IATE (Interactive Terminology for Europe)*: https://iate.europa.eu/home
[3] *Fuljett informattiv:* https://iate.europa.eu/assets/brochure_internal.pdf

3576648

**#Digital4Culture strategy**

**strateġija #Digital4Culture**

---

3568046

**21st Conference of the Parties to the United Nations Framework Convention on Climate Change (COP21)**

**il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21)**

laqgħa tal-partijiet tal-UNFCCC ippreseduta u ospitata minn Franza mit-30.11.2015 sal-11.12.2015 f'Pariġi li fiha ġie adottat ftehim internazzjonali ġdid dwar it-tibdil fil-klima bil-għan li t-tisħin globali jinżamm taħt iż-2°C

---

3572244

**Action Plan on the integration of third country nationals, EU Action Plan on integration**

**Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi,**
**Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Integrazzjoni**

għodda mfassla biex tipprovdi qafas ta' politika li għandu jgħin lill-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw u jsaħħu l-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-integrazzjoni ta' migranti minn pajjiżi terzi, u biex tiddeskrivi l-politika u l-appoġġ operazzjonali u finanzjarju li l-Kummissjoni se toffri biex tappoġġjahom fl-isforzi tagħhom

---

3575055

**additive manufacturing**

**manifattura addittiva**

terminu globali għal sett ta’ teknoloġiji u proċessi għal materjali differenti (metalli, polimeri, ċeramika u oħrajn); meqjusa bħala waħda mit-teknoloġiji abilitanti ewlenin li ser jagħtu sura lill-approċċi ġodda għall-manifattura u l-prodotti u l-fabbriki tal-futur

"Il-manifattura addittiva hija l-proċess fejn jingħaqdu materjali biex jinħolqu oġġetti minn *data* tal-mudelli 3D, normalment saff fuq ieħor, għall-kuntrarju tal-metodoloġiji ta' manifattura sottrattivi." CELEX:52014IE4420/MT
Ta' spiss, it-termini *stampar 3D* [IATE:1879267] u *manifattura addittiva* jintużaw biex jirreferu għall-istess ħaġa, iżda l-manifattura addittiva hija terminu tekniku aktar wiesa' li jkopri firxa ta' teknoloġiji, fosthom l-istampar 3D.

---

3578147

**administrative verification**

**verifika amministrattiva**

verifika tal-applikazzjonijiet għat-talbiet ta' rimbors/pagament imressqa mill-benefiċjarji

---

3519176

**advance**

**avvanz**

somma ta' flus mogħtija qabel ma jitwettaq xi obbligu, eż. il-provvista ta' xi servizz jew prodott

Id-definizzjoni hija dik li tapplika għall-kuntest mogħti. It-terminu għandu tifsiriet oħra.

3517222

**adverse climatic event**

**event klimatiku avvers**

kundizzjonijiet tat-temp, bħal ġlata, maltempati u silġ, xita qawwija jew nixfa severa, li jistgħu jitqiesu bħala diżastru naturali

3518288

**agricultural accounting information system**

**sistema ta’ informazzjoni dwar il-kontabilità agrikola**

3552107

**agricultural financial year**

**sena finanzjarja agrikola**

perjodu li jibda mis-16 ta' Ottubru ta' sena N-1 u li jintemm fil-15 ta' Ottubru tas-sena N

3576696

**Agricultural Knowledge and Innovation System (AKIS)**

**Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS)**

3567777

**Agricultural Markets Task Force (AMTF)**

**Task Force għas-Swieq Agrikoli (AMTF)**

grupp ta' esperti stabbilit mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġu diskussi kwistjonijiet rilevanti, bħat-trasparenza tas-suq, l-aċċess għall-bdiewa għal strumenti finanzjarji u s-swieq futuri biex jiġu ħħeġġjati r-riskji tal-prezzijiet, bl-għan li tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-ikel

3561376

**agronomic practices**

**prattiki agronomiċi**

3576937

**alternative protein source, alternative protein**

**sors ta' proteini alternattiv, proteina alternattiva**

sors ta' proteini li jkun jista' jipprovdi sostitut attraenti għall-proteini tal-annimali

3549444

**animal health**

**saħħa tal-annimali**

sett ta' miżuri u ta' servizzi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali, maħsub biex tiġi evitata jew titnaqqas it-trażmissjoni tal-mard mill-annimali għall-bnedmin

3524013

**annual financial clearance**

**approvazzjoni finanzjarja annwali**

proċedura taħt il-Politika Agrikola Komuni, imħaddma mill-Kummissjoni, imfassla biex tiġi ċċekkjata l-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet annwali sottomessi

3527542

**annual financial report**

**rapport finanzjarju annwali**

3549565

**annual implementation report**

**rapport annwali ta' implimentazzjoni**

rapport li jistabbilixxi l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm u l-prijoritajiet tiegħu b'referenza għad-*data* finanzjarja, l-indikaturi komuni u speċifiċi għall-programm u l-valuri bersall kwantifikati, inklużi l-bidliet fl-indikaturi tar-riżultati, u l-istadji importanti ddefiniti fil-qafas tal-prestazzjoni

3578752

**annual performance clearance**

**approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni**

proċedura taħt il-Politika Agrikola Komuni, imħaddma mill-Kummissjoni, imfassla biex tiċċekkja jekk in-nefqa ffinanzjata mill-FAEG għandhiex l-output kif irrapportat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni

3578753

**annual performance report**

**rapport annwali dwar il-prestazzjoni**

rapport li l-Istati Membri jridu jippreżentaw quddiem il-Kummissjoni sal-15 ta' Frar 2023 u fil-15 ta' Frar ta' kull sena sussegwenti sal-2030, dik is-sena inkluża, li jagħti l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-implimentazzjoni tal-*Pjan Strateġiku tal-PAK* [IATE:3576977] tas-sena ta' qabel b'referenza għad-*data* finanzjarja, l-indikaturi tal-output u l-indikaturi tar-riżultati

3578890

**annual performance review**

**rieżami annwali tal-prestazzjoni**

rieżami mwettaq mill-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta fir-*rapporti annwali dwar il-prestazzjoni* [IATE:3578753] sabiex titwettaq l-*approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni* [IATE:3578752] u li fih il-Kummissjoni tista' tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien xahar minn meta jkunu tressqu r-rapporti

3569810

**annual premium**

**primjum annwali**

appoġġ finanzjarju għal kull ettaru u fuq bażi annwali, b'rabta mal-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' żoni msaġġra mogħti lil sidien ta' art privata u pubblika u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom biex ikopru l-kostijiet ta' introjtu agrikolu mitluf u l-manutenzjoni, inkluż tindif bikri u tard, għal perjodu massimu ta' tnax il-sena

3576740

**Annual Report on the protection of the European Union's financial interests, PIF Report**

**Rapport Annwali dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, Rapport PIF**

rapport annwali mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi

3573244

**antimicrobial resistance**

**reżistenza għall-antimikrobiċi**

ir-reżistenza ta' mikroorganiżmu għal *mediċina antimikrobika* [IATE:834434]

Ara wkoll:
- *reżistenza għall-antimikrobiċi akkwiżita* [IATE:912591]
- *reżistenza għall-antimikrobiċi intrinsika* [IATE:3571214]
- *reżistenza għall-antimikrobiċi adattiva* [IATE:3573248]

3577301

**area monitoring system**

**sistema ta’ monitoraġġ tal-erja**

proċedura ta' osservazzjoni regolari u sistematika, trekkjar u valutazzjoni tal-attivitajiet agrikoli u prattiki dwar erjas agrikoli bid-*data* satellitari tal-Copernicus Sentinels jew b'*data* oħra li jkollha tal-anqas valur ekwivalenti

3571274

**artificial intelligence (AI)**

**intelliġenza artifiċjali (IA)**

it-teorija u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter kapaċi iwettqu kompiti li normalment ikunu jeħtieġu intelliġenza umana, bħall-perċezzjoni viżiva, it-teħid ta' deċiżjonijiet u t-traduzzjoni bejn lingwi

3571744

**assurance package**

**pakkett ta' aċċertament**

sett ta' ħames elementi - il-kontijiet, is-sommarju annwali, ir-*rapport annwali ta' kontroll* [IATE:2217716], id-*dikjarazzjoni ta' ġestjoni* [IATE:3536884] u l-*opinjoni tal-awditjar* [IATE:748217] - li jridu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni Ewropea kull sena skont l-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013

Skont l-Artikolu 92 tal-proposta għal Regolament dwar id-dispożizzjonijiet komuni għall-perjodu 2021-2027 il-pakkett ta' aċċertament m'għadux jinkludi s-sommarju annwali.

3537682

**Asylum and Migration Fund, Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF)**

**Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)**

fond li għandu l-għan ġenerali li jikkontribwixxi għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni u għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja u l-politika komuni dwar il-migrazzjoni, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet u l-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

3576701

**automatic recognition of a qualification**

**rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifika**

id-dritt għad-detenturi ta’ *kwalifika* [IATE:3518956] li tkun inħarġet minn Stat Membru wieħed biex jiġu kkunsidrati għall-aċċess għal programm ta’ edukazzjoni jew ta’ taħriġ fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, mingħajr ma jkollhom bżonn jgħaddu minn kwalunkwe proċedura ta’ rikonoxximent separata

3509921

**background**

**sfond**

3578662

**basic income support for sustainability, basic income support**

**appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà, appoġġ għall-introjtu bażiku**

*pagament dirett diżakkoppjat* [IATE:2250964], propost taħt il-politika agrikola komuni ta' wara l-2020, li għandu l-għan jiggarantixxi livell minimu ta' appoġġ għall-introjtu agrikolu għall-*bdiewa ġenwini* [IATE:3578661] kollha

3541362

**basic payment scheme**

**skema ta' pagament bażiku**

skema li titħaddem abbażi ta’ drittijiet għall-pagament allokati lill-bdiewa fl-ewwel sena li tiġi applikata l-iskema u li tiġi attivata kull sena mill-bdiewa

Bir-regoli 2007-2013 tal-Politika Agrikola Komuni, il-bdiewa rċevew pagamenti diretti jew taħt l-Iskema ta' Pagament Uniku jew taħt l-Iskema ta’ Pagament Uniku Skont l-Erja. Ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu ta’ wara l-2013 tissostitwixxi l-Iskema ta’ Pagament Uniku bl-Iskema ta’ Pagament Bażiku mill-2015.

3576877

**bio-based value chain**

**katina tal-valur b'bażi bijoloġika**

*katina tal-valur* [IATE:1220965] li tintuża fil-manifattura ta' prodott li l-materjali tiegħu jkunu, parzjalment jew kompletament ta' oriġini bijoloġika

3562996

**blending**

**finanzjament imħallat**

strument intiż biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE fil-qasam tal-politika esterna li jħallat l-għotjiet tal-UE mas-self jew mal-ekwità mill-finanzjaturi pubbliċi u privati

Ara wkoll: *Pjattaforma tal-UE għat-Taħlit fil-Kooperazzjoni Esterna* [IATE:3552312]

3571117

**blending operation**

**operazzjoni ta' taħlit**

azzjoni mwettqa fi ħdan *faċilità ta' taħlit* [IATE:3571119] li tgħaqqad forom mhux ripagabbli ta' appoġġ u/jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-UE u strumenti finanzjarji minn istituzzjonijiet ta' finanzjament pubbliku oħrajn jew ta' żvilupp kif ukoll minn istituzzjonijiet ta' finanzjament kummerċjali u investituri

3567231

**blockchain**

**katina ta' blokok, blockchain**

lista ta' rekords, imsejħa blokok, li qed tikber b'mod kontinwu u li huma siguri u marbuta ma' xulxin permezz tal-kriptografija;
*reġistru distribwit* [IATE:3571876] u miftuħ li jista' jirreġistra tranżazzjonijiet bejn żewġ partijiet b'mod effiċjenti, verifikabbli u permanenti

3545345

**blue economy**

**ekonomija blu**

sistema ekonomika li għandha bħala prijorità l-iżvilupp sostenibbli tas-settur marin u ta' dak marittimu

3539239

**blue growth**

**tkabbir blu**

strateġija fit-tul ta' żmien biex jingħata appoġġ lit-tkabbir ekonomiku fis-settur marittimu b'mod ġenerali

3578754

**Bohunice programme**

**programm Bohunice**

parti mill-*programm finanzjarju speċifiku għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv* [IATE:3578586] li tikkonċerna d-dekummissjonar nukleari tal-unitajiet 1 u 2 tar-reatturi tal-impjant tal-enerġija nukleari Bohunice V1, li jinsab f'Jaslovské Bohunice, is-Slovakkja

Jekk jiġi adottat, dan il-programm se jissostitwixxi l-programm ta' Bohunice għall-perjodu 2014-2020 stabbilit skont ir-Regolament (Euratom) Nru 1368/2013.

3576319

**border multilingualism**

**multilingwiżmu fil-fruntieri**

politika li tippromwovi l-multilingwiżmu f'reġjuni tal-fruntieri u li toffri opportunità ikbar liċ-ċittadini jużaw lingwi mir-reġjuni fil-viċinat

3571121

**budgetary guarantee**

**garanzija baġitarja**

impenn legali tal-Unjoni biex tappoġġja programm ta' azzjonijiet billi ddaħħal fil-baġit tal-Unjoni Ewropea obbligu finanzjarju jekk iseħħ avveniment speċifikat matul l-implimentazzjoni tal-programm

3576977

**CAP strategic plan**

**pjan strateġiku tal-PAK**

pjan ta' Stat Membru tal-UE li jrid jitfassal taħt il-PAK ta' wara l-2020 fejn jistabbilixxi kif bi ħsiebu jikseb il-miri fi ħdan il-miri globali tal-PAK

3561494

**capital markets union**

**Unjoni tas-Swieq Kapitali**

pjan ta’ azzjoni biex jittejjeb il-finanzjament tal-ekonomija permezz ta’ strumenti ta’ finanzjament iżjed effiċjenti abbażi tas-suq, inkluż ħidma lejn qafas ta’ titolizzazzjoni ta’ kwalità għolja

3566715

**carbon capture, utilisation and storage (CCUS)**

**ġbir, użu u ħżin tal-karbonju (CCUS)**

metodi u teknoloġiji biex jitneħħa d-diossidu tal-karbonju mill-gass tat-tromba taċ-ċmieni u mill-atmosfera biex imbagħad jintuża fi prodotti oħrajn jew jinħażen bla kuntatt mal-atmosfera

3501592

**certifying body, certification body**

**korp taċ-ċertifikazzjoni**

korp tal-awditjar pubbliku jew privat, u mill-aspett operazzjonali indipendenti mill-*aġenzija tal-pagamenti* [IATE:1078260] u mill-korp ta' koordinazzjoni kkonċernat kif ukoll mill-awtorità li tkun akkreditat lill-aġenzija, maħtur minn Stat Membru biex jipprovdi opinjoni, imfassla skont l-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment, dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet annwali tal-aġenzija tal-pagamenti, fir-rigward tal-funzjonament xieraq tas-sistema ta' kontroll intern tagħha u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa li għaliha ntalab ir-rimbors mingħand il-Kummissjoni, filwaqt li jiddikjara wkoll jekk l-eżami jiddubitax l-asserzjonijiet li jkunu saru fid-dikjarazzjoni tal-ġestjoni

3548545

**choke species**

**speċi bi kwota limitanti**

speċi ta' ħut bi kwota baxxa li, f'sistema ta' *sajd imħallat* [IATE:784492], twaqqaf jew tfixkel is-sajd għal ħut ieħor meta tispiċċa l-kwota tagħha

3578751

**claimless system**

**sistema mingħajr talbiet**

sistema ta' applikazzjonijiet għall-interventi bbażati fuq l-erja jew fuq l-annimali, li fiha d-*data* neċessarja rikjesta mill-amministrazzjoni dwar minn tal-inqas erjas jew annimali individwali li għalihom tkun qed tintalab l-għajnuna, tkun disponibbli fid-databases kompjuterizzati uffiċjali ġestiti mill-Istati Membri

3563470

**climate action**

**azzjoni klimatika**

azzjoni li qed tittieħed biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima

3544988

**climate action mainstreaming, climate change mainstreaming**

**integrazzjoni tat-tibdil fil-klima, integrazzjoni tal-azzjoni klimatika**

l-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika f'politiki, strumenti, programmi jew fondi, li jinvolvu l-*mitigazzjoni* [IATE:914842] jew inkella l-*adattament għat-tibdil fil-klima* [IATE:3503262]

3547447

**co-creation**

**kokreazzjoni**

inizjattiva ta' ġestjoni jew forma ta' strateġija ekonomika li tinvolvi l-kreazzjoni konġunta ta' valur mill-kumpanija u mill-klijent, li tippermetti lill-klijent jibni b'mod konġunt l-esperjenza tas-servizz b'tali mod li tkun adattata għall-kuntest tiegħu

3578785

**Committee for the European Maritime and Fisheries Fund**

**Kumitat għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd**

kumitat propost biex jassisti lill-Kummissjoni bil-kompiti pprovduti fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

3577070

**common European data space**

**spazju komuni Ewropew tad-*data***

żona diġitali bla interruzzjonijiet, fejn korpi pubbliċi, negozji u individwi jkunu jistgħu jaċċessaw u jerġgħu jużaw *data* tas-settur pubbliku, *data* miżmuma minn kumpaniji pubbliċi, *data* tar-riċerka li tiġi ġġenerata minn fondi pubbliċi u *data* tas-settur privat

3540646

**Common Information Sharing Environment (CISE)**

**ambjent komuni għall-qsim tal-informazzjoni (CISE)**

netwerk ta’ sistemi b’setup deċentralizzat żviluppat għall-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-utenti sabiex jittejjeb l-għarfien tagħhom dwar is-sitwazzjoni tal-attivitajiet fuq il-baħar

3576151

**common monitoring and evaluation system**

**sistema komuni ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni**

sistema għall-operazzjonijiet tal-FEMS taħt ġestjoni konġunta bil-għan li titkejjel il-prestazzjoni tal-FEMS u bl-objettivi li ġejjin:
(a) li turi l-progress u l-kisbiet tal-PKS u l-PMI, li tqis l-impatt ġenerali u li tivvaluta l- effettività, l-effiċjenza u r-rilevanza tal-operazzjonijiet tal-FEMS;
(b) li tikkontribwixxi għal appoġġ immirat aħjar għall-PKS u l-PMI;
(c) li tappoġġja proċess ta’ tagħlim komuni relatat mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;
(d) li tipprovdi evalwazzjonijiet robusti bbażati fuq il-provi tal-operazzjonijiet tal-FEMS li jikkontribwixxu għall-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet

3545268

**community-led local development**

**żvilupp lokali mmexxi mill-komunità**

metodu għall-involviment ta' sħab fil-livell lokali inklużi s-soċjetà ċivili u l-atturi ekonomiċi lokali fid-disinn u l-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati lokali li jgħinu liż-żoni tagħhom jagħmlu t-tranżizzjoni għal futur iktar sostenibbli

3569729

**Compendium on law enforcement liaison officers**

**Kompendju dwar l-uffiċjali ta' kollegament dwar l-infurzar tal-liġi**

dokument li jispjega l-ħidma u l-kompiti tal-uffiċjali ta' kollegament u li fih il-listi tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri u tal-Europol, kif ukoll informazzjoni prattika dwar l-uffiċċji ta' kollegament fil-Europol

Huwa jiġi aġġornat kull sena u hu maħsub li jissostitwixxi l-addendum għall-manwal dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija ta' Schengen.

3578664

**complementary income support for young farmers**

**appoġġ għall-introjtu komplementari għall-bdiewa żgħażagħ**

tip ta' intervent propost taħt il-politika agrikola komuni ta' wara l-2020 għall-*bdiewa żgħażagħ* [IATE:1253264] li għadhom jibdew u li huma intitolati għal pagament taħt l-*appoġġ għall-introjtu bażiku* [IATE:3578662]

3578663

**complementary redistributive income support for sustainability, redistributive income support**

**appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementari għas-sostenibbiltà, appoġġ għall-introjtu ridistributtiv**

*pagament dirett diżakkoppjat* [IATE:2250964] speċifiku għal kull ettaru, propost taħt il-politika agrikola komuni ta' wara l-2020, bil-għan li jippromwovi distribuzzjoni iktar bilanċjata ta' appoġġ lejn bdiewa żgħar u/jew ta' daqs medju b'mod viżibbli u li jista' jitkejjel

3561159

**completed operation**

**operazzjoni kompluta**

operazzjoni li tlestiet fiżikament jew ġiet implimentata għalkollox u li fir-rigward tagħha saru l-pagamenti relatati kollha mill-benefiċjarji u l-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti tħallset lill-benefiċjarji

3577177

**conditionality**

**kundizzjonalità**

sistema li trid tiġi stabbilita taħt il-politika agrikola komuni ta' wara l-2020, li tippermetti li jiġu imposti penali amministrattivi fuq benefiċjarji li jirċievu pagamenti diretti jew premia annwali u li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-immaniġġjar statutorji taħt il-liġi tal-Unjoni u l-istandards għal *kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba* [IATE:2229441]

Ara wkoll:
*pagament dirett* [IATE:912254]
*primjum annwali* [IATE:3569810]
*Pjan Strateġiku tal-PAK* [IATE:3576977]

3528289

**Conference of Peripheral Maritime Regions (CPMR)**

**Konferenza tar-Reġjuni Marittimi Periferiċi (CPMR)**

organizzazzjoni stabbilita fl-1973 li tħabrek favur żvilupp iżjed ibbilanċjat tar-reġjuni Ewropej kollha filwaqt li taħdem biex tippromovi l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali fil-kontinent Ewropew kollu

3578935

**conformity procedure**

**proċedura tal-konformità**

3536351

**Connecting Europe Facility, CEF**

**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, FNE**

strument kruċjali ta' finanzjament tal-UE maħsub biex jiġu ffinanzjati proġetti li jimlew il-lakuni fin-netwerks tat-trasport, tal-enerġija u dawk diġitali tal-Ewropa

Permezz ta' infrastrutturi ta' investiment immirati fil-livell Ewropew, din il-Faċilità għandha tgħin biex jinħolqu l-impjiegi u biex tingħata spinta lill-kompetittività fil-livell Ewropew.

3578749

**context indicator**

**indikatur tal-kuntest**

indikatur li jirrifletti aspetti rilevanti tax-xejriet kuntestwali ġenerali fl-ekonomija, fl-ambjent u fis-soċjetà li x'aktarx jinfluwenzaw l-implimentazzjoni, il-kisbiet u l-prestazzjoni tal-politika agrikola komuni

3516542

**continuing vocational education and training, continuous vocational education and training (CVET)**

**edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali kontinwi (ETVK)**

edukazzjoni jew taħriġ li jingħataw wara l-edukazzjoni inizjali jew wara d-dħul fid-dinja tax-xogħol, bil-għan li jgħinu lill-individwi biex:
- itejbu jew jaġġornaw l-għarfien u/jew il-ħiliet tagħhom;
- jiksbu ħiliet ġodda għal bidla fil-karriera tagħhom jew biex jitħarrġu mill-ġdid;
- ikomplu jiżviluppaw minn lat personali jew professjonali

Ara wkoll:
*edukazzjoni inizjali* [IATE:1690223]
*għarfien* [IATE:1757521]
*ħila* [IATE:1568103]
*taħriġ mill-ġdid* [IATE:1403981]
*żvilupp professjonali kontinwu* [IATE:271472]

2251001

**control body**

**korp ta' kontroll**

parti terza privata indipendenti li twettaq spezzjonijiet u ċertifikazzjoni fil-qasam tal-produzzjoni organika skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 834/2007

3576607

**convergence facility**

**faċilità ta' konverġenza**

strument tal-adeżjoni mal-euro, maħsub biex jappoġġja lill-Istati Membri tal-UE li mhumiex fiż-żona tal-euro fit-tħejjija tagħhom għal tranżizzjoni u għal parteċipazzjoni bla xkiel fl-euro

3576551

**corporate information technology system**

**sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva**

infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni ta' organizzazzjoni inklużi l-proċessi u l-kontrolli li jintużaw għall-ħżin u għall-ġestjoni tal-informazzjoni

3578669

**coupled direct payment**

**pagament dirett akkoppjat**

pagament dirett mogħti lill-bdiewa taħt il-politika agrikola komuni li huwa marbut mal-produzzjoni ta' prodott speċifiku

Taħt il-politika agrikola komuni ta' wara l-2020, il-pagamenti diretti akkoppjati għandhom ikunu:
(a) *appoġġ għall-introjtu akkoppjat* [IATE:3578668];
(b) *pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton* [IATE:3556541].

3578668

**coupled income support**

**appoġġ akkoppjat għall-introjtu**

*pagament dirett akkoppjat* [IATE:3578669], propost taħt il-politika agrikola komuni ta' wara l-2020, biex jiġu appoġġjati l-*bdiewa ġenwini* [IATE:3578661]

3576712

**course catalogue**

**katalgu tal-kors**

reġistru li jinkludi informazzjoni dettaljata, aġġornata u faċilment aċċessibbli mill-utent dwar l-ambjent ta' apprendiment ta' istituzzjoni, jiġifieri informazzjoni ġenerali dwar l-istituzzjoni, dettalji dwar ir-riżorsi u s-servizzi tagħha, u kif ukoll informazzjoni akkademika dwar il-programmi u l-komponenti edukattivi individwali li toffri

3569240

**creative hub**

**hub kreattiv**

infrastruttura jew post li jużaw parti mill-ispazju disponibbli tagħhom għall-iżvilupp organizzazzjonali, ta' netwerking u tan-negozju għas-settur kulturali u għal dak kreattiv

3576708

**credential evaluator**

**evalwatur kredenzjali**

persuna li tieħu deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent tal-*kwalifiki* [IATE:3518956]

Ara wkoll: *rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifika* [IATE:3576701] (kunċett relatat).

3557087

**credit mobility**

**mobbiltà tal-krediti**

perjodu limitat ta' studju jew ta' traineeship barra l-pajjiż - fil-qafas ta' studji kontinwi f'istituzzjoni lokali - bil-għan li jinkisbu l-*krediti* [IATE:768906]

Wara l-fażi ta' mobbiltà, l-istudenti jirritornaw lejn l-istituzzjoni lokali tagħhom biex ilestu l-istudji tagħhom.

3556541

**crop-specific payment for cotton**

**pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton**

*pagament dirett akkoppjat* [IATE:2250964] mogħti lill-bdiewa taħt il-politika agrikola komuni, bl-għan li jevita li l-produzzjoni tal-qoton tiġi abbandunata f'reġjuni fejn il-qoton huwa importanti għall-ekonomija agrikola

3573416

**Cultural and Creative Cities Monitor**

**Osservatorju tal-Bliet Kulturali u Kreattivi**

għodda li tippromwovi l-iskambju u l-apprendiment reċiproku bejn l-ibliet biex tingħata spinta lill-iżvilupp immexxi mill-kultura, u li ġiet iddisinjata apposta biex tgħin lil dawk li jfasslu l-politiki, jidentifikaw saħħiet u opportunitajiet lokali u jikkumparaw il-bliet tagħhom ma' oħrajn simili permezz ta' *data* kwantitattiva u kwalitattiva

Ara wkoll: *Spazji u Bliet Kulturali u Kreattivi* [IATE:3576612]

3574403

**Cultural and Creative Sectors Guarantee Facility**

**Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi**

skema ta' garanzija li tagħmel parti mill-programm *Ewropa Kreattiva* [IATE:3540020], ġestita mill-Fond Ewropew tal-Investiment f'isem il-Kummissjoni Ewropea u li taġixxi bħala assigurazzjoni għall-intermedjarji finanzjarji li joffru finanzjament għal inizjattivi fis-settur kulturali u f'dak kreattiv

3576612

**Cultural and Creative Spaces and Cities**

**Spazji u Bliet Kulturali u Kreattivi**

proġett li jagħmel parti mill-programm *Ewropa Kreattiva* [IATE:3540020] li jippromwovi l-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali, l-użu aħjar ta' spazji kulturali u kreattivi u kif ukoll ir-riġenerazzjonijiet soċjali u urbana

Ara wkoll:
- *riġenerazzjoni soċjali* [IATE:3576650]
- *riġenerazzjoni urbana* [IATE:1173797]

3504884

**cultural awareness**

**kuxjenza kulturali**

l-abbiltà u r-rieda li wieħed jeżamina b'mod oġġettiv il-valuri, it-twemmin, it-tradizzjonijiet u l-perċezzjonijiet fil-kultura tiegħu stess u kif ukoll f'kulturi oħrajn

3576610

**cultural capability**

**kapaċità kulturali**

il-libertà ta' membri ta' soċjetà li jaħdmu flimkien biex joħolqu verżjonijiet separati ta' kultura

3576737

**Dashboard of youth indicators, EU Dashboard**

**Tabella tal-indikaturi taż-żgħażagħ, Dashboard UE**

sensiela ta' indikaturi li jipprovdu ħarsa transsettorjali rapida u komprensiva tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali taż-żgħażagħ fl-UE

3572293

**data analytics**

**analitika tad-*data***

tekniki u proċessi kwalitattivi u kwantitattivi li jintużaw biex jiżdiedu l-produttività u l-qligħ tan-negozju

Id-*data* tiġi estratta u kkategorizzata biex jiġu identifikati u analizzati d-*data* u x-xejriet atteġġamentali, u t-tekniki użati jvarjaw skont ir-rekwiżiti organizzazzjonali. L-analitika tad-*data* hija magħrufa wkoll bħala "analiżi tad-*data*".

3538516

**data collection framework**

**qafas għall-ġbir ta' *data***

regoli għall-ġbir ta' informazzjoni ta' natura bijoloġika, teknika, ambjentali u soċjoekonomika rigward is-settur tas-sajd fil-qafas tal-programmi pluriennali, kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008

3506844

**data repository**

**repożitorju tad-*data***

fil-lingwaġġ speċifiku tal-IT, struttura partikolari tal-IT fi ħdan struttura iktar ġenerali, bħal grupp ta' bażijiet ta' *data,* fejn impriża jew organizzazzjoni tkun għażlet li żżomm diversi tipi ta' *data*

B'mod ġenerali, it-terminu jintuża biex jirreferi għal post magħżul għal ħżin tad-*data*.

2245363

**decarbonisation**

**dekarbonizzazzjoni**

it-tneħħija gradwali tad-dipendenza fuq il-karburanti fossili, u l-karbonju integrat fi proċessi soċjali u industrijali oħra (l-ivvjaġġar, il-manifattura)

Dan jinvolvi t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' karbonju għal kull unità ta' enerġija elettrika prodotta.

2250964

**decoupled payment, decoupled direct payment**

**pagament diżakkoppjat, pagament dirett diżakkoppjat**

pagament li jingħata lill-bdiewa taħt il-politika agrikola komuni u li mhuwiex marbut mal-produzzjoni ta' prodott partikolari

3578586

**dedicated financial programme for decommissioning of nuclear facilities and management of radioactive waste**

**programm finanzjarju speċifiku għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv**

*programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari* [IATE:3578287] propost għall-perjodu 2021-2027 biex jappoġġja:
(a) lill-Bulgarija u lis-Slovakkja biex jiddekummissjonaw b'mod sikur ir-reatturi nukleari tal-ewwel ġenerazzjoni tagħhom, u
(b) l-implimentazzjoni tal-proċess ta' dekummissjonar u tal-ġestjoni tal-iskart radjuattiv tal-installazzjonijiet nukleari tal-Kummissjoni stess fis-siti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)

Jekk jiġi adottat, il-programm se jissostitwixxi l-programmi stabbiliti skont ir-Regolament (Euratom) Nru 1368/2013 (CELEX:32013R1368/MT): il-programmi ta' Kozloduy (il-Bulgarija) u ta' Bohunice (is-Slovakkja) għall-perjodu 2014-2020.

3509014

**dedicated implementation structure (DIS)**

**struttura ta' implimentazzjoni ddedikata (DIS)**

aġenzija eżekuttiva mwaqqfa mill-Kummissjoni Ewropea biex timplimenta u timmaniġġja l-operazzjonijiet tal-*Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC)* [IATE:929262]

Hija teżegwixxi l-programm ta' ħidma annwali hekk kif stabbilit mill-Kunsill Xjentifiku, timplimenta s-sejħiet għall-offerti u torganizza evalwazzjoni bejn il-pari f'konformità mal-metodoloġiji mfassla mill-Kunsill Xjentifiku, u tistabbilixxi u timmaniġġja l-ftehimiet tal-għotjiet. Barra minn hekk, din l-istruttura tipprovdi wkoll tagħrif u appoġġ lill-applikanti u lid-detenturi tal-għotjiet.

3571580

**deep learning**

**apprendiment profond**

teknika tal-intelliġenza artifiċjali li permezz tagħha sistema ta' software tiġi mħarrġa bl-użu ta' miljuni ta' eżempji magħżula minn fuq l-internet

Ara wkoll: *apprendiment* [IATE:1404196]

3576862

**deep tech**

**deep-tech**

teknoloġija bbażata fuq avvanzi xjentifiċi ġodda jew fuq innovazzjonijiet tanġibbli

3568905

**deficiency**

**nuqqas**

fl-ambitu tal-proċeduri tal-kontabilità tal-UE, insuffiċjenza li tinstab waqt il-proċedura tal-*approvazzjoni tal-konformità* [IATE:2232459] u li tagħti lok għall-*korrezzjonijiet finanzjarji* [IATE:748904]

Mhuwiex nuqqas fis-sens ta' xi ħaġa nieqsa iżda xi ħaġa li ma ssirx sew jew kif suppost.
Il-proċedura mbagħad tissejjaħ *proċedura nieqsa* [IATE:3569238].
Ara wkoll: *irregolarità* [IATE:748426] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti.

3569072

**Digital Competence Framework for Citizens**

**Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini**

qafas imfassal biex jindirizza l-kompetenza diġitali fost iċ-ċittadini; dan ifisser l-użu ta' teknoloġiji diġitali b'mod kunfidenti u sigur għal diversi skopijiet bħal xogħol, tiftix ta' impjieg, tagħlim, shopping fuq l-internet, ksib ta' informazzjoni dwar is-saħħa, inklużjoni u parteċipazzjoni fis-soċjetà, intratteniment, eċċ.

3576734

**Digital Education Action Plan**

**Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali**

sensiela ta' 11-il inizjattiva, adottati mill-Kummissjoni f'Jannar 2018, bil-għan li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-użu tat-teknoloġija u tal-kompetenza diġitali fl-edukazzjoni

Il-pjan ta' azzjoni jistabbilixxi l-miżuri biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jiffaċċjaw l-isfidi u l-opportunitajiet ta' edukazzjoni fl-era diġitali.
It-tliet prijoritajiet tiegħu huma:
(1) L-użu aħjar tat-teknoloġija diġitali għat-tagħlim u l-apprendiment;
(2) L-iżvilupp tal-kompetenzi u l-ħiliet diġitali;
(3) It-titjib tal-edukazzjoni b'analiżi u tbassir aħjar tad-*data* .
Dan il-Pjan se jibbaża fuq firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jinkludu n-negozji, ir-riċerka, l-NGOs, kif ukoll, meta jkun rilevanti, l-edukazzjoni mhux formali.

3578194

**Digital Europe programme**

**programm Ewropa Diġitali**

programm propost għall-perjodu 2021-2027 bil-għan li jappoġġja t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej u li jimmassimizza l-benefiċċji ta' din it-trasformazzjoni għaċ-ċittadini, għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u għan-negozji kollha Ewropej

3577067

**digital government**

**gvern diġitali**

l-użu ta' teknoloġiji diġitali, bħala parti integrata tal-istrateġiji ta' modernizzazzjoni tal-gvernijiet, bil-għan li jinħoloq valur pubbliku

L-OECD u ħafna korpi oħrajn jagħmlu distinzjoni bejn il-*Gvern-e* [IATE:918934] u l-gvern diġitali.

3576924

**digital health literacy**

**litteriżmu diġitali fis-saħħa**

3 l-abbiltà li wieħed jaċċessa, jifhem u jagħrbel informazzjoni dwar is-saħħa li tkun ġejja minn sorsi elettroniċi u li japplika dak l-għarfien miksub għal xi problema ta' saħħa partikolari

Ara wkoll: *litteriżmu fis-saħħa* [IATE:926210]

3577031

**digital intensity**

**intensità diġitali**

grad tad-disponibbiltà ta' teknoloġiji diġitali u tal-użu tagħhom, speċjalment fi ħdan xi intrapriża jew f'settur industrijali

3574982

**digital youth work**

**ħidma diġitali fost iż-żgħażagħ**

l-użu ta' teknoloġiji diġitali bħala għodda effettiva fil-ħidma fost iż-żgħażagħ, wiċċ imb wiċċ, online jew b'taħlita tat-tnejn

3538300

**direct restocking**

**ristokkjar dirett, ripopolazzjoni diretta**

l-attività li jinħelsu annimali selvaġġi ħajjin ta' speċi magħżula f'ilmijiet fejn jeżistu b'mod naturali, sabiex tintuża l-produzzjoni naturali tal-ambjent akkwatiku biex jiżdied in-numru ta' individwi disponibbli għall-industriji tas-sajd u/jew jiżdied ir-reklutaġġ naturali

3576707

**Directive on Students and Researchers**

**Direttiva dwar l-Istudenti u r-Riċerkaturi**

Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing

3571548

**Disaster Risk Management Knowledge Centre (DRMKC)**

**Ċentru ta' Għarfien għall-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri (DRMKC)**

ċentru intern ġdid biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jirrispondu għall-emerġenzi, jipprevjenu u jnaqqsu l-impatt ta' diżastri

3547440

**disruptive innovation**

**innovazzjoni fixkiela**

tip ta' innovazzjoni li toħloq suq u netwerk ta' valur ġodda, u li eventwalment toħloq tfixkil f'suq u f'netwerk ta' valur eżistenti, u li tissostitwixxi ditti, prodotti u alleanzi prominenti fis-suq

Dan it-terminu jintuża fil-litteratura kummerċjali u teknoloġika biex jiddeskrivi innovazzjonijiet li jtejbu prodott jew servizz b'mod li ma jkunx mistenni mis-suq – normalment dan isir billi l-ewwel jiġi ddisinjat prodott/servizz għal grupp differenti ta' konsumaturi fis-suq il-ġdid u sussegwentement billi jitbaxxew il-prezzijiet fis-suq eżistenti.
Importanti ħafna li ssir id-distinzjoni bejn: "innovazzjoni fixkiela" (*disruptive innovation*) u "innovazzjoni rivoluzzjonarja/radikali" (*break-through/radical innovation*): l-innovazzjoni tal-ewwel tip qed tieħu post oħra ġa stabbilita fis-suq filwaqt li l-oħra hija xi ħaġa totalment ġdida li bis-saħħa tagħha kumpanija tkun tista' timraħ fi swieq ġodda/usa'.
Ara wkoll: *teknoloġija fixkiela* [IATE:3561277]

3561277

**disruptive technology**

**teknoloġija fixkiela**

teknoloġija li tieħu post waħda stabbilita u toħloq bidliet kbar fl-industrija jew prodott li jiftaħ fruntieri ġodda u joħloq industrija kompletament ġdida

Xi ftit eżempji ta' teknoloġiji fixkiela:
- it-typewriter ġiet sostitwita mill-kompjuter personali (PC) u b'hekk inbidel kompletament il-mod kif naħdmu u li bih nikkomunikaw;
- l-ittri elettoniċi (emails) ukoll biddlu l-mod ta' kif nikkomunikaw, u b'mod ġenerali ħadu post l-ittri - dan ġab tfixkil fl-industrija postali u tal-kartolini
- it-telefowns ċellulari għamluha possibbli għan-nies li jċemplu jkunu fejn ikunu, u b'hekk ġabu magħhom tfixkil fl-industrija tat-telekomunikazzjoni.
Importanti ħafna li ssir id-distinzjoni bejn: "teknoloġija fixkiela" (disruptive technology) u "teknoloġija rivoluzzjonarja/radikali" (break-through/radical technology): it-teknoloġija tal-ewwel tip qed tieħu post oħra ġa stabbilita fis-suq filwaqt li l-oħra hija xi ħaġa innovattiva li bis-saħħa tagħha kumpanija tkun tista' timraħ fi swieq ġodda/usa'.
Ara wkoll: *innovazzjoni fixkiela* [IATE:3547440]

3574978

**edge computing**

**edge computing**

metodu ta' ottimizzar tas-sistemi ta' *cloud computing* [IATE:2250701] li jinvolvi l-ipproċessar tad-*data* fix-xifer tan-netwerk, viċin tas-sors tad-*data*

It-terminu "edge computing" ikopri firxa wiesgħa ta' teknoloġiji, inkluż dik ta' bejn il-pari, il-grid/mesh computing, il-fog computing, it-teknoloġija ta' katina ta' blokok ta' tranżazzjonijiet u n-netwerk ta' twassil ta' kontenut. Dan it-tip ta' computing kien l-aktar jokkorri fis-settur tat-telefons ċellulari, u issa qed jidħol ukoll f'ħafna industriji oħrajn.

3576710

**Education and Training 2020 Working Group, ET 2020 Working Group**

**Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020, Grupp ta' Ħidma ET 2020**

forma ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-*ET 2020* [IATE:3516924], biex tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw l-isfidi ewlenin tas-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ tagħhom, kif ukoll il-prijoritajiet komuni maqbula fuq livell Ewropew

3570807

**EFSD Guarantee Fund**

**Fond ta’ Garanzija tal-EFSD**

riżerva ta' likwidità biex isiru l-pagamenti f'każ li tiġi attivata l-*Garanzija tal-EFSD* [IATE:3570806]

Il-Fond ta’ Garanzija tal-EFSD huwa mogħni bi:
(a) kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u sorsi oħrajn;
(b) kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Membri u minn kontributuri oħrajn;
(c) redditi fuq ir-riżorsi investiti tal-Fond ta’ Garanzija tal-EFSD;
(d) ammonti rkuprati minn debituri inadempjenti f’konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ rkupru stabbiliti fil-ftehimiet tal-garanzija tal-EFSD;
(e) dħul u kwalunkwe pagament ieħor li l-Unjoni tirċievi f’konformità mal-ftehimiet tal-garanzija tal-EFSD.
Ara wkoll: *EFSD* [IATE:3570450]

3518213

**eligible hectare**

**ettaru eliġibbli**

3548461

**e-mobility, electro-mobility, electromobility**

**elettromobbiltà**

vetturi u sistemi ta' trasportazzjoni elettrika, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li jirrispettaw l-ambjent

3576881

**energy affordability**

**affordabbiltà tal-enerġija**

l-affordabbiltà biex tinkiseb jew biex tiġi prodotta l-enerġija

Ara wkoll: *affordabbiltà* [IATE:2142195]

2246360

**Enterprise Europe Network**

**Netwerk Enterprise Europe**

3576644

**entrepreneurial skills, entrepreneurship skills**

**ħiliet intraprenditorjali, ħiliet ta' intraprenditorija**

il-ħiliet meħtieġa biex wieħed ikun jista' jibda u jħaddem in-negozju tiegħu

Ara wkoll: *intraprenditorija* [IATE:793226]

3547689

**environmental footprint**

**impronta ambjentali**

impatti ambjentali li prodott, servizz u/jew kumpanija jista' jkollhom fuq ċiklu tal-ħajja

3576850

**environmental remediation**

**rimedju ambjentali**

il-proċess li bih jiġu mħarsa n-nies u l-ambjent kontra l-effetti dannużi potenzjali ta' esponiment għal radjazzjoni jonizzanti f'żoni kontaminati

3539785

**Erasmus for All**
**Union Programme for Education, Training, Youth and Sport**
**Erasmus+**

**Erasmus għal Kulħadd**
**Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, Taħriġ, Żgħażagħ u Sport**

programm wieħed għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażagħ u l-Isport għall-perjodu 2014-2020

3573745

**Erasmus Mundus Joint Master Degree (EMJMD)**

**Lawrja ta' Master Konġunt tal-Erasmus Mundus (EMJMD)**

programm ta’ studju ta’ livell għoli integrat u internazzjonali mogħti minn konsorzji ta’ istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni għolja li jagħtu boroż ta’ studju ta’ lawrja sħiħa lill-aqwa studenti fil-livell ta’ master fid-dinja

3576733

**Erasmus+ Virtual Exchange**

**Skambju Virtwali Erasmus+**

proġett li jippermetti liż-żgħażagħ fl-Ewropa u fin-Nofsinhar tal-Mediterran jipparteċipaw f'esperjenzi interkulturali sinifikanti online, bħala parti mill-edukazzjoni formali jew informali tagħhom

3578174

**EU Anti-Fraud Programme**

**Programm tal-UE Kontra l-Frodi**

programm għall-perjodu 2012-2027 li għandu l-għan jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jappoġġja assistenza komuni bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar kwistjonijiet doganali u agrikoli

Jekk jiġi adottat, dan il-Programm se jkun qed jissostitwixxi l-*programm Hercule III* [IATE:3551581].

3570556

**EU Budget Focused on Results, Budget Focused on Results (BFOR)**

**Baġit tal-UE Ffukat fuq ir-Riżultati, Baġit Iffukat fuq ir-Riżultati (BFOR)**

inizjattiva li l-għan tagħha huwa li timmassimizza l-effettività tal-baġit tal-Unjoni billi tappoġġja t-tkabbir, l-impjiegi u l-istabbiltà fl-Ewropa u lil hinn minnha

3576735

**EU Policy Lab**

**Laboratorju tal-Politiki tal-UE**

spazju kollaborattiv u sperimentali għal tfassil innovattiv ta' politiki

Dan il-"laboratorju" huwa kemm spazju fiżiku u kif ukoll mod ta' ħidma li jiġbor flimkien prospettivi, għarfien komportamentali u ħsieb proġettwali biex jiġu esplorati u biex jinstabu soluzzjonijiet għal politiki aħjar.

3577053

**EuroHPC initiative**

**inizjattiva EuroHPC**

inizjattiva tal-Unjoni Ewropea intiża li toħloq ekosistema Ewropea minn ta' quddiem f'dak li jirrigwarda l-*Big Data* [IATE:3552179], ibbażata fuq infrastruttura tal-*computing ta' prestazzjoni għolja (HPC)* [IATE:1757975]

Ara wkoll: *Impriża Konġunta EuroHPC* [IATE:3575389]

3576704

**Europass Decision**

**Deċiżjoni Europass**

Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (Europass) u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE

2249908

**Europass Language Passport**

**Passaport tal-Lingwi Europass**

dokument standard li jintuża bħala għodda ta' awtovvalutar biex wieħed ikun jista' jiddokumenta u jippreżenta l-kompetenzi, il-ħiliet u l-kwalifiki lingwistiċi tiegħu, skont il-*Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi* [IATE:928765]

3576736

**European Apprentices Network**

**netwerk Ewropew tal-apprendisti**

netwerk ta' apprendisti fil-livell Ewropew, li ġie stabbilit fl-2017 biex jiżgura li leħen l-apprendisti żgħażagħ jinstema' fid-diskussjonijiet marbuta mal-edukazzjoni u mat-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-apprendistati

3576713

**European Approach for Quality Assurance of Joint Programmes**

**Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti**

approċċ integrat u komuni fiż-*Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA)* [IATE:923144] li l-objettiv tiegħu huwa li jtejjeb l-assigurazzjoni tal-kwalità ta' *programmi konġunti* [IATE:3576714] billi jistabbilixxi standards u billi jneħħi l-ostakli għar-rikonoxximent tagħhom

3567069

**European Border and Coast Guard**

**Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta**

sistema li tinkludi lill-*Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta* [IATE:3567409] u l-awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż il-gwardji tal-kosta sal-punt li jwettqu kompiti ta' kontroll tal-fruntieri

3567409

**European Border and Coast Guard Agency (Frontex)**

**Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)**

aġenzija li tissostitwixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex)
Ir-rwol ewlieni tal-Aġenzija hu li:
- tistabbilixxi strateġija teknika u operazzjonali għall-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri fil-livell tal-Unjoni;
- tissorvelja l-funzjonament effettiv tal-kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri esterni;
- tipprovdi aktar assistenza teknika u operazzjonali lill-Istati Membri permezz ta' operazzjonijiet konġunti u interventi rapidi fil-fruntiera;
- tiżgura l-eżekuzzjoni prattika tal-miżuri f'każ ta' sitwazzjoni li teħtieġ azzjoni urġenti fil-fruntieri esterni;
- tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali fl-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ ta' persuni li jkunu jinsabu f'diffikultajiet fuq il-baħar;
- u li torganizza, tikkoordina u twettaq operazzjonijiet ta' ritorn u interventi ta' ritorn

3551249

**European Capital of Innovation, iCapital**

**Belt Kapitali Ewropea tal-Innovazzjoni, iCapital**

premju li tnieda f'Diċembru 2013 għall-bliet li jkunu l-aktar lesti li jesperimentaw b'inizjattivi ġodda u innovattivi mmexxija miċ-ċittadini, li jservu bħala post fejn jiġu ttestjati soluzzjonijiet potenzjali għall-isfidi rilevanti tas-soċjetà

3567299

**European Code of Conduct for Research Integrity**

**Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka**

dokument ippubblikat fl-2011 li jindirizza l-aħjar prassi u mġiba ħażina fix-xjenza, u joffri punt ta' riferiment għar-riċerkaturi kollha, filwaqt li jikkomplementa kodiċi ta' etika eżistenti u jikkonforma mal-oqfsa leġiżlattivi nazzjonali u Ewropej

3576651

**European Culture House, European House of Culture**

**Dar tal-Kultura Ewropea**

proġett maħsub biex jgħin lill-istituzzjonijiet kulturali u lil partijiet ikkonċernati oħrajn jaħdmu flimkien bil-għan li jipprovdu servizzi lill-popolazzjoni lokali, li jinvolvu ruħhom fi proġetti konġunti u li joffru boroż ta' studju u jorganizzaw skambji kulturali u edukattivi

3576927

**European Data Infrastructure (EDI), EUDAT**

**Infrastruttura Ewropea tad-*Data* (EDI), EUDAT**

infrastruttura tad-*data* tar-riċerka, iffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea, li tnediet bil-għan li timmira għal soluzzjoni pan-Ewropea sostenibbli għall-isfida tal-proliferazzjoni tad-*data* fil-komunitajiet xjentifiki u tar-riċerka tal-Ewropea

Il-missjoni tal-EUDAT hija li tfassal, tiżviluppa, timplimenta u toffri servizzi tad-*data* komuni hekk kif ġew introdotti fir-rapport "Riding the Wave - How Europe can gain from the rising tide of scientific data" għar-riċerkaturi u għall-komunitajiet tar-riċerka kollha interessati.

3570535

**European Defence Fund**

**Fond Ewropew għad-Difiża**

fond tal-UE mniedi mill-Kummissjoni biex jikkoordina, jissupplimenta u jamplifika l-investimenti nazzjonali fir-riċerka għad-difiża, fl-iżvilupp ta' prototipi u fl-akkwist ta' tagħmir u ta' teknoloġija għad-difiża

Il-Fond tnieda fis-7 ta' Ġunju 2017.

3578169

**European Fund for Sustainable Development Plus (EFSD+)**

**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+)**

pakkett finanzjarju integrat propost għall-perjodu 2021-2027, li għandu l-għan li jappoġġja l-investimenti u jżid l-aċċess għall-finanzjament, bil-għan li jrawwem żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv u jippromwovi r-reżiljenza soċjoekonomika fil-pajjiżi sħab b'enfasi partikolari fuq il-qerda tal-faqar, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, il-ħolqien ta' impjiegi diċenti, l-opportunitajiet ekonomiċi, il-ħiliet u l-intraprenditorija, is-setturi soċjoekonomiċi, il-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u medji, kif ukoll li jindirizza l-kawżi fundamentali soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari

Dan il-Fond se jieħu post il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli [IATE:3570450].

3569299

**European Innovation Council**

**Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni**

korp li għandu jiġi stabbilit fi żmien qasir, bl-għan li jagħti spinta lill-innovazzjoni u jintegra strumenti eżistenti

Huwa simili għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka [IATE:929262].

3551257

**European Innovation Partnership for agricultural productivity and sustainability, EIP for agricultural productivity and sustainability**

**Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli, SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli**

*Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni* [IATE:3518394] li tippromwovi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-vijabbiltà ekonomika, il-produttività, il-kompetittività, emissjonijiet baxxi tal-karbonju, ir-rispett għall-ambjent u r-reżiljenza tas-settur agrikolu u tal-forestrija

3578296

**European Instrument for Nuclear Safety complementing the Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument on the basis of the Euratom Treaty, European Instrument for Nuclear Safety (EINS)**

**Strument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari li jikkomplementa l-Istrument għall-Viċinat, għall-Iżvilupp u għall-Kooperazzjoni Internazzjonali fuq il-bażi tat-Trattat Euratom, Strument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari (EINS)**

strument propost għall-perjodu 2021-2027 li għandu l-għan li jippromwovi l-istabbiliment ta' standards ta’ sikurezza nukleari effettivi u effiċjenti, il-protezzjoni radjoloġika, u l-applikazzjoni ta’ salvagwardji effiċjenti u effikaċi ta’ materjali nukleari f’pajjiżi terzi, b'mod partikolari f'pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali

Taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, dan l-Istrument għandu jibni fuq l-azzjonijiet appoġġjati preċedentement mill-*Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari* [IATE:2233734] u se jiffinanzja parti mill-attivitajiet ta’ kooperazzjoni dwar is-sikurezza nukleari li ma jaqgħux taħt l-*Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)* [IATE:3577043]. Referenza: Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari li jikkomplementa l-Istrument għall-Viċinat, għall-Iżvilupp u għall-Kooperazzjoni Internazzjonali fuq il-bażi tat-Trattat Euratom CELEX:52018PC0462/MT

3578175

**European Investment Stabilisation Function (EISF)**

**Funzjoni Ewropea ta’ Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti (FESI)**

strument ta' assistenza finanzjarja, propost mill-Kummissjoni Ewropea għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE għal wara l-2020, li jipprovdi assistenza finanzjarja fil-forma ta’ self u sussidji tar-rata tal-imgħax għall-investiment pubbliku, lil Stat Membru li jkun qed jesperjenza xokk asimmetriku kbir

3500698

**European Marine Observation and Data Network, EMODnet**

**Netwerk Ewropew ta’ Osservazzjoni u *Data* Marittima, EMODnet**

ġabra ta' *data* integrata għall-istatistika soċjoekonomika marittima

3537723

**European Maritime and Fisheries Fund, EMFF**

**Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, FEMS**

fond għall-politiki marittimi u tas-sajd tal-UE

2245437

**European Maritime Day**

**Jum Marittimu Ewropew**

ġurnata ċċelebrata kull sena li għandha l-għan li tqajjem kuxjenza dwar il-valur miżjud tal-*Politika Marittima Integrata* [IATE:3515945] tal-UE mal-partijiet ikkonċernati interessati f'affarijiet marittimi u mal-pubbliku ġenerali

3576843

**European One Health Action Plan against Antimicrobial Resistance (AMR)**

**Pjan ta' Azzjoni Ewropew Saħħa Waħda kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (AMR)**

pjan ta' azzjoni tal-UE komprensiv dwar ir-*reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR)* [IATE:912591] ibbażat fuq l-*approċċ "Saħħa Waħda"* [IATE:3539570]

3568737

**European Open Science Cloud (EOSC)**

**Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC)**

*cloud* [IATE:3527224] li huwa ppjanat li jinħoloq mill-Kummissjoni bil-għan li joffri lir-riċerkaturi u lill-professjonisti fix-xjenza u t-teknoloġija Ewropej spazju virtwali fejn jaħżnu, jikkondividu u jużaw mill-ġdid id-*data* tagħhom bejn dixxiplini u fruntieri differenti

2250955

**European Quality Assurance Reference Framework (EQARF), European Quality Assurance Reference Framework for Vocational Education and Training (EQAVET)**

**Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità (EQARF), Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET)**

strument ta' referenza sabiex jgħin lill-Istati Membri jippromwovu u jsegwu t-titjib kontinwu tas-sistemi tagħhom tal-ETV bbażati fuq referenzi Ewropej komuni

3555699

**European Research Area Chair, ERA Chair holder, ERA Chair**

**President taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, President taż-ŻER**

3570539

**European Solidarity Corps (ESC)**

**Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES)**

korp magħmul minn żgħażagħ Ewropej ta' inqas minn 30 sena li jingħataw l-opportunità li jappoġġjaw organizzazzjoni mhux governattiva (NGO), awtorità lokali jew kumpanija privata, fl-indirizzar ta' sitwazzjonijiet diffiċli madwar l-Unjoni Ewropea (pereżempju: il-bini mill-ġdid ta' komunitajiet wara diżastri naturali; l-indirizzar ta' sfidi soċjali bħall-esklużjoni soċjali, il-faqar, is-saħħa u l-isfidi demografiċi, jew ħidma biex jiġu milqugħa u integrati r-refuġjati)

3578188

**European Solidarity Corps programme**

**programm tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà**

programm propost għall-perjodu 2021-2027 bil-għan li jtejjeb l-involviment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja, bħala mezz biex jikkontribwixxi għal koeżjoni, solidarjetà u demokrazija iżjed b'saħħithom fl-Unjoni u lil hinn minnha, filwaqt li jindirizza sfidi soċjali u umanitarji fuq il-post, bi sforz partikolari biex jippromwovi l-inklużjoni soċjali

Ara wkoll: *Korp Ewropew ta' Solidarjetà* [IATE:3570539]

3548671

**European Structural and Investment Funds, ESI Funds (ESIF)**

**Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Fondi SIE (FSIE)**

denominazzjoni komuni għal ħames fondi: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)

3544366

**European Survey on Language Competences**

**stħarriġ Ewropew dwar il-kompetenzi lingwistiċi**

stħarriġ Ewropew li għandu l-għan li jiġbor *data* affidabbli u komparabbli dwar il-kompetenzi f'lingwi barranin fl-Unjoni Ewropea, u li jipprovdi tagħrif dwar il-kapaċitajiet multilingwistiċi taż-żgħażagħ, dwar riferimenti għall-prassi u l-prestazzjoni tajba, u dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettiv tat-titjib fl-apprendiment tal-lingwi barranin

Dan l-istħarriġ jiġbor informazzjoni dwar il-profiċjenza fil-lingwi barranin ta' studenti li jkunu waslu fl-aħħar sena ta*l-ewwel ċiklu tal-edukazzjoni sekondarja* [IATE:1690233] jew fi*t-tieni sena tat-tieni ċiklu tal-edukazzjoni sekondarja* [IATE:1690198] fis-sistemi edukattivi Ewropej parteċipanti.

3570534

**European Union Crisis Reserve, EU Crisis Reserve**

**Riżerva għall-Kriżijiet tal-Unjoni Ewropea, Riżerva għall-Kriżijiet tal-UE**

strument speċjali ffinanzjat minn approprjazzjonijiet diżimpenjati, maħsub biex jippermetti lill-Unjoni tirreaġixxi b’mod rapidu għall-kriżijiet bħal pereż. il-migrazzjoni, kif ukoll għal sitwazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet umanitarji u ta’ sigurtà serji

Ta' min wieħed jinnota li dan l-istrument ġie eskluż mir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2017/1123 (CELEX:32017R1123).

3570806

**European Union guarantee for the European Fund for Sustainable Development, EFSD Guarantee**

**Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, Garanzija tal-EFSD**

*komponent tal-EFSD* [IATE:3570450] maħsub biex ikopri r-riskji marbuta ma' self, garanziji, kontrogaranziji, strumenti tas-suq kapitali u kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament jew titjib kreditizju, parteċipazzjonijiet ta' ekwità jew ta' kważi ekwità

3551807

**European Union Maritime Security Strategy (EUMSS)**

**Strateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS)**

strateġija li tipprovdi l-qafas politiku u strateġiku sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv u komprensiv l-isfidi għas-sigurtà marittima permezz tal-użu tal-istrumenti rilevanti kollha fil-livell internazzjonali, tal-UE u dak nazzjonali

Din tiffaċilita kooperazzjoni transsettorjali mtejba, fi ħdan, bejn u fost l-awtoritajiet u l-atturi ċivili u militari. Hija tikkontribwixxi għall-użu sħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir fid-dominju marittimu, f’konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti, il-prinċipju tas-sussidjarjetà u skont ir-relazzjoni bejn min jirċievi u min jagħti appoġġ. Hija għandha l-għan ukoll li tkabbar l-appoġġ reċiproku ta' bejn l-Istati Membri u li tippermetti l-ippjanar konġunt ta’ kontinġenza u sigurtà, il-ġestjoni tar-riskju, il-prevenzjoni tal-kunflitti kif ukoll ir-rispons għall-kriżijiet u l-ġestjoni tagħhom.

3540819

**European Union Programme for Employment and Social Innovation**

**Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali**

programm li għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, il-miri ewlenin tagħha u l-Linji Gwida Integrati billi jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-għanijiet tal-Unjoni Ewropea f’termini ta’ promozzjoni ta’ livell għoli ta’ impjiegi, garanzija ta’ protezzjoni soċjali adegwata, u ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar u t-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol

3576428

**European Universities Initiative, European Universities**

**Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, Universitajiet Ewropej**

inizjattiva li tinkoraġġixxi l-binja ta' netwerks ta' universitajiet madwar l-UE kkaratterizzati minn approċċ minn isfel għal fuq, li jippermettu lill-istudenti jiksbu lawrja billi jikkombinaw l-istudji f'diversi pajjiżi tal-UE u jikkontribwixxu għall-kompetittività internazzjonali tal-universitajiet Ewropej

3576732

**European Youth Dialogue, EU Youth Dialogue**

**Djalogu Ewropew maż-Żgħażagħ, Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ**

il-punt ta' aċċess għaż-żgħażagħ biex jinvolvu ruħhom fi kwistjonijiet tal-UE u biex it-tħassib tagħhom ikun jista' jiġi inkorporat fil-politiki li jikkonċernawhom f'livelli differenti ta' governanza (pereż. f'politiki li jikkonċernaw l-edukazzjoni, l-impjiegi, it-tibdil fil-klima, l-affarijiet soċjali, iċ-ċittadinanza, il-kultura u d-dinja diġitali)

3576738

**European Youth Goals, EU Youth Goals, Youth Goals**

**Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ, Għanijiet tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, Għanijiet dwar iż-Żgħażagħ**

Il-ħdax-il Għan dwar iż-Żgħażagħ huma s-segwenti:
1. Il-kollegament tal-UE maż-żgħażagħ
2. L-ugwaljanza tal-ġeneri kollha
3. Soċjetajiet inklussivi
4. Tagħrif u djalogu kostruttiv
5. Is-saħħa u l-benessri mentali
6. L-avvanz taż-żgħażagħ ta' żoni rurali
7. Impjiegi ta' kwalità għal kulħadd
8. Tagħlim ta' kwalità
9. Spazji u Parteċipazzjoni għal kulħadd
10. Ewropa ekoloġika sostenibbli
11. Organizzazzjonijiet u programmi Ewropej għaż-żgħażagħ

3575718

**European Youth Together**

**Żgħażagħ Ewropej Flimkien**

inizjattiva ġdida li għandha l-għan li toħloq netwerks li jippromwovu sħubijiet reġjonali li se jiffunzjonaw b'kooperazzjoni mill-qrib ma' żgħażagħ mill-Ewropa kollha

3566944

**ex ante conditionality**

**kondizzjonalità *ex ante***

kondizzjonijiet stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji definiti minn qabel fil-*ftehimiet ta' sħubija* [IATE:3553140] konklużi bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri differenti fil-qasam tal-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej

3541164

**exaflops, exaflop**

**eksaflops, eksaflop**

kejl ta' veloċità tal-kompjuter: kwintiljun (10^18) flop (floating point operations per second - operazzjoni ta' punt li jvarja fis-sekonda)

3577044

**exascale computer**

**kompjuter fuq skala eksa**

kompjuter kapaċi jagħmel kalkolu fil-livell ta' *eksaflops* [IATE:3541164]

Ara wkoll: *skala eksa* [IATE:3506829].

3506829

**exa-scale, exascale**

**skala eksa**

skala ta' problema li tiġi solvuta permezz ta' superkompjuters li jkunu kapaċi jagħmlu 10^18 FLOPS ("FLoating point Operations Per second" - operazzjonijiet b'punt varjabbli fis-sekonda) i.e. kapaċi jagħmlu 1018-il kalkolu kull sekonda

Ara wkoll:
- *prestazzjoni fuq skala eksa* [IATE:3575746]
- *supercomputer fuq skala preeksa* [IATE:3575752]
- *teknoloġija fuq skala posteksa* [IATE:3575747]
- *operazzjonijiet b'punt varjabbli fis-sekonda* [IATE:1439621]

3548212

**exchange, assistance and training programme for the protection of the euro against counterfeiting, Pericles 2020**

**programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar, Pericles 2020**

programm ta' skambju, ta' assistenza u ta' taħriġ tal-Unjoni Ewropea, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2013-2020, maħsub biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni

Ara wkoll il-*programm Pericles* [IATE:925970].

2247036

**extreme weather event**

**avveniment estrem tat-temp**

avvenimenti individwali tat-temp li huma rari fl-okkorrenza tagħhom (jiġifieri inqas minn 10 punti perċentwali jew aktar minn 90 punt perċentwali tad-distribuzzjoni ta' probabbiltà), li jseħħu barra minn posthom jew barra minn żmienhom jew li għandhom potenzjal li jagħmlu l-ħsara

Meta avveniment bħal dan jippersisti għal tul ta' żmien, jissejjaħ *avveniment klimatiku estrem* [IATE:2247151].

3577071

**fabrication laboratory, fablab, fab lab**

**laboratorju ta' fabbrikazzjoni, fablab, fab lab**

workshop tal-inventuri ta' komunità li joffri fabrikazzjoni diġitali fuq skala personali u li jista' jintuża kemm minn negozji u kif ukoll minn individwi għall-ħolqien/manifattura ta' prodotti ġodda

3576772

**FAIR data principles, FAIR principles**

**prinċipji FAIR tad-*data* , prinċipji FAIR**

sensiela ta' prinċipji konċiżi u miżurabbli li jaġixxu ta' linji gwida f'dak li jirrigwarda r-riutilizzabbiltà ta' kollezzjonijiet ta' *data*

L-akronimu "FAIR" jirrappreżenta l-prinċipji li ġejjin:
Findable (Traċċabbli)
Accessible (Aċċessibbli)
Interoperable (Interoperabbli)
Re-usable (Riutilizzabbli)

3572432

**fake news**

**aħbarijiet foloz**

stejjer iffabbrikati apposta jew iffalsifikati u ċċirkolati għal finijiet ta' diżinformazzjoni jew manipulazzjoni

3576812

**field-weighted citation impact**

**impatt tal-kwotazzjonijiet ponderat skont il-qasam**

il-proporzjon ta' bejn l-ammont ta' kwotazzjonijiet effettivament riċevuti mingħand pubblikazzjoni jew sensiela ta' pubblikazzjonijiet, u l-ammont medju ta' kwotazzjonijiet fl-istess qasam u tal-istess tip, riċevuti mingħand il-pubblikazzjonijiet l-oħrajn kollha fl-istess sena

3578146

**final performance report**

**rapport finali dwar il-prestazzjoni**

dokument ippreżentat mill-*awtorità ta' ġestjoni* [IATE:2147119] lill-Kummissjoni Ewropea għall-aħħar sena ta' kontabilità ta' programmi appoġġjati mill-FEŻR, l-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni biex tiġi vvalutata l-kisba

3528933

**financial assistance package**

**pakkett ta' għajnuna finanzjarja**

sett ta' miżuri koerenti minn diversi sorsi bil-għan li jingħata appoġġ finanzjarju, partikolarment lil pajjiż li jkun għaddej minn diffikultajiet finanzjarji eċċezzjonali

3540728

**financial clearance, financial clearance procedure, financial clearance of accounts**

**approvazzjoni finanzjarja, proċedura tal-approvazzjoni finanzjarja, approvazzjoni finanzjarja tal-kontijiet**

proċedura għall-irkupru tan-nefqa ddebitata lill-iżvilupp agrikolu u rurali fejn il-Kummissjoni formalment taċċetta l-kontijiet annwali tal-*aġenziji tal-pagamenti* [IATE:1078260] abbażi tal-ġestjoni tad-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikati u r-rapporti mill-*korpi taċ-ċertifikazzjoni* [IATE:3501592]

Ara wkoll:
- *approvazzjoni tal-kontijiet* (kunċett usa') [IATE:1126973]
- *approvazzjoni tal-konformità* (tal-kontijiet) (kunċett relatat) [IATE:2232459].

3578744

**financial plan**

**pjan finanzjarju**

pjan li jipprovdi deskrizzjoni ġenerika tal-aspetti baġitarji u għal kull intervent fil-*Pjan Strateġiku tal-PAK* [IATE:3576977]

3519638

**financial reporting**

**rapportar finanzjarju**

il-proċess li bih jiġu rrapportati r-riżultati u l-qagħda finanzjarja ta' entità lid-diriġenti u lill-investituri tagħha u lill-gvern

3578195

**Fiscalis' programme for cooperation in the field of taxation, Fiscalis programme**

**programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni, programm Fiscalis**

programm propost għall-perjodu 2021-2027, bil-għan li jappoġġja lill-awtoritajiet tat-taxxa u tat-tassazzjoni biex isaħħaħ il-funzjonament tas-suq uniku, irawwem il-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha

Il-programm propost huwa s-suċċessur tal-*programm Fiscalis 2020* [IATE:3551575].

3576938

**forgotten crop**

**għalla minsija**

għalla li ma tkunx ġiet ikklassifikata preċedentement bħala għalla ewlenija, li ma tkunx saret ħafna riċerka dwarha, li tkun tokkupa livelli baxxi ta' użu jew li tkun prinċipalment ikkonfinata għal żoni ta' azjendi agrikoli żgħar

3576777

**fraudulent irregularity**

**irregolarità frawdolenti**

irregolarità, b'mod partikolari fir-rigward tal-baġit tal-UE, fejn ikun intwera permezz ta' proċedimenti amministrattivi u/jew ġudizzjarji li tinvolvi mġiba intenzjonata b'mod partikolari frodi

3546821

**Fund for European Aid to the Most Deprived**

**Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn**

fond li jippromwovi l-koeżjoni soċjali fl-Unjoni billi jikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira tat-tnaqqis tal-faqar ta’ mill-inqas 20 miljun mill-għadd ta’ persuni fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali skont l-istrateġija Ewropa 2020

3578661

**genuine farmer**

**bidwi ġenwin**

bidwi li l-attività agrikola tiegħu tifforma parti sinifikanti tal-attivitajiet ekonomiċi globali tiegħu jew li l-attività ta’ negozju ewlenija tiegħu hija agrikola

3561359

**geo-spatial aid application, geo-spatial application**

**applikazzjoni ta' għajnuna ġeospazjali, applikazzjoni ġeospazjali**

formola ta' applikazzjoni elettronika li tinkludi applikazzjoni tal-IT ibbażata fuq sistema ta' informazzjoni ġeografika li tippermetti lill-benefiċjarji jiddikjaraw b'mod spazjali l-biċċiet tar-raba' tal-azjenda u ta' erjas mhux agrikoli li għalihom ikunu talbu pagament

3578937

**governance system**

**sistema ta’ governanza**

3552792

**Government Satellite Communication (GOVSATCOM)**

**komunikazzjoni governattiva bis-satellita (GOVSATCOM)**

komunikazzjoni bis-satellita li tintuża għal finijiet tal-aġenziji tal-gvern

3563007

**grapevine product**

**prodott tad-dwieli**

prodott miksub mill-għeneb, inkluż iżda mhux limitat għall-inbid, il-most tal-għeneb u l-ħall tal-inbid

3521890

**gross reduction**

**tnaqqis gross**

tnaqqis b'ammont fiss li jkun jikkorrispondi għal valur f'perjodu ta' żmien speċifiku, i.e. ma jkunx aġġustat għall-prezzijiet tal-mument (prezzijiet kurrenti)

3576920

**heritage studies**

**studji tal-patrimonju**

qasam akkademiku ta' studju li jikkonċentra fuq ir-relazzjoni bejn in-nies u l-*patrimonju kulturali* [IATE:1084705] billi juża metodi ta' riċerka tax-xjenza soċjali

3576814

**High Level Group on maximising the impact of EU Research and Innovation programmes as part of the interim evaluation of Horizon 2020, Lamy High Level Group**

**Grupp ta’ Livell Għoli dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-programmi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE bħala parti mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020, Grupp ta' Livell Għoli Lamy**

grupp ta' esperti ppresedut minn Pascal Lamy, li twaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea f'Settembru 2016 fil-kuntest tal-evalwazzjoni interim tal-programm Orizzont 2020 biex jipprovdi pariri dwar kif jista' jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investiment tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni

3538976

**Horizon 2020 - the Framework Programme for Research and Innovation, Horizon 2020**

**Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020**

programm propost mill-Kummissjoni għal wara l-2013, biex jibni fuq is-suċċessi tas-*seba' Programm Qafas għar-Riċerka* [IATE:2209373], il-*Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni* [IATE:2213517] u l-*Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija* [IATE:1018889], bl-għan li jimmassimizza l-kontribut ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi u biex jindirizza l-isfidi kbar li qed tiffaċċja l-Ewropa, bħat-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-enerġija u l-ikel, is-saħħa u t-tixjiħ tal-popolazzjoni

Differenti mill-*inizjattiva Orizzont 2020* [IATE:3538980].

3576860

**Horizon 2020 FET Innovation Launchpad, FET Innovation Launchpad**

**Pad tal-Illanċjar għall-Innovazzjoni fil-FET tal-Orizzont 2020, Pad tal-Illanċjar għall-Innovazzjoni fil-FET**

skema li l-għan tagħha huwa li tbiddel ir-riżultati miksuba minn proġetti ffinanzjati mill-*FET (teknoloġiji futuri u emerġenti)* [IATE:2204945] f'innovazzjonijiet soċjetali jew ekonomiċi billi tiżviluppahom bħala negozji

3565820

**Horizon 2020 Policy Support Facility, Policy Support Facility**

**Faċilità ta’ Appoġġ għall-Politiki ta’ Orizzont 2020, Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki**

strument li lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE jagħtihom appoġġ prattiku biex jidentifikaw, jimplimentaw u jevalwaw dawk ir-riformi meħtieġa biex itejbu l-kwalità tal-iffinanzjar pubbliku, bħal pereżempju l-ftuħ tal-iffinanzjar pubbliku lill-konkorrenza u l-introduzzjoni ta' valutazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-universitajiet, jew l-istimulazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozji

3576720

**Horizon Europe**

**Orizzont Ewropa**

programm emblematiku tal-UE li jappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2021-2027

3576923

**human-centric ecosystem**

**ekosistema ċċentrata fuq il-bniedem**

netwerk ta' teknoloġija li tkun faċli għall-bnedmin biex jużawha b'mod intuwittiv, minflok ma jkun mistenni li dawn ikollhom xi għarfien speċjali dwar l-apparat ikkonċernat

3565763

**hybrid threat**

**theddid ibridu**

theddid minn avversarju/i eżistenti jew potenzjali li jagħmel użu minn kombinazzjoni ta' faċilitajiet u kapaċitajiet konvenzjonali, irregolari, terroristiċi u kriminali

3578934

**impact indicator**

**indikatur tal-impatt**

indikatur għall-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK li abbażi tiegħu l-prestazzjoni globali tal-politika tiġi vvalutata fuq bażi pluriennali

3524409

**indirect management**

**ġestjoni indiretta**

metodu ta' implimentazzjoni indiretta tal-baġit ġenerali fdata lil:
(i) pajjiżi terzi jew il-korpi ddeżinjati minnhom;
(ii) organizzazzjonijiet internazzjonali jew l-aġenziji tagħhom;
(iii) il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment;
(iv) korpi stabbiliti skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u t-Trattat Euratom u li għandhom personalità ġuridika u jirċievu kontribuzzjonijiet mill-baġit, u korpi li għandhom personalità ġuridika stabbiliti b'att bażiku u fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata;
(v) korpi rregolati bid-dritt pubbliku;
(vi) korpi rregolati bid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku dment li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
(vii) korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati; jew (viii) persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

3576853

**inducement prize, challenge prize**

**premju ta' inċentiv**

premju mogħti biex jixpruna l-investiment f'direzzjoni partikolari, billi tiġi speċifikata mira qabel il-prestazzjoni tal-ħidma

Dan il-kunċett m'għandux jiġi mfixkel ma' dak ta': "premju ta' rikonoxximent" ("recognition prize") i.e. premju li jingħata għal kisbiet passati u għal xogħol eċċellenti li jkun diġà twettaq.

3575726

**innovation ecosystem**

**ekosistema tal-innovazzjoni**

numru kbir ta' parteċipanti u ta' riżorsi ta' natura varjata li huma neċessarji għall-innovazzjoni

Fost dawn il-parteċipanti/riżorsi nsibu: intraprendituri, investituri, riċerkaturi, fakultajiet tal-università, kapitalisti tar-riskju kif ukoll fornituri tal-iżvilupp tan-negozji u ta' servizzi tekniċi oħrajn bħal pereż. kontabilisti, disinjaturi, kuntratturi u fornituri ta' taħriġ ta' ħiliet u ta' żvilupp professjonali.

2250689

**in-orbit validation (IOV)**

**validazzjoni fl-orbita (IOV)**

l-ittestjar fl-ispazju ta' satelliti u ta' teknoloġiji simili

3552317

**insolvency practitioner**

**prattikant fl-insolvenza**

kwalunkwe individwu jew korp li l-funzjoni tiegħu, inkluż fuq bażi interim, hija li:
(i) jivverifika u jammetti l-pretensjonijiet ippreżentati fi proċedimenti ta' insolvenza;
(ii) jirrappreżenta l-interess kollettiv tal-kredituri;
(iii) jamministra, għalkollox jew parzjament, l-assi li ġew ipprivati lid-debitur;
(iv) jillikwida l-assi msemmija fi (ii); jew
(v) jissorvelja l-amministrazzjoni tal-affarijiet tad-debitur

3578735

**installation grant**

**għotja għall-installazzjoni**

appoġġ fil-forma ta' somom mogħtija f'daqqa, possibbilment ikkombinati ma' strumenti finanzjarji, li se jiġi provdut taħt il-pilastru ta' żvilupp rurali tal-politika agrikola komuni ta' wara l-2020, għall-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u negozji rurali li għadhom jibdew

3540783

**instrument for financial support for police cooperation, preventing and combating crime, and crisis management**

**strument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet**

komponent, b'rabta mal-pulizija, tal-*Fond għas-Sigurtà Interna* [IATE:3507335] li ġie stabbilit biex jgħin jiżgura livell għoli ta' sigurtà fl-UE, b'enfażi partikolari fuq il-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji u l-kriżijiet

3562967

**Instrument for Pre-accession Assistance (IPA II)**

**Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)**

strument tal-Unjoni li jappoġġja lill-pajjiżi benefiċjarji fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi li huma meħtieġa sabiex dawn jiksbu l-konformità mal-valuri tal-Unjoni u biex progressivament jallinjaw ruħhom mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-Unjoni bil-għan li jissieħbu fl-Unjoni

2248391

**integrated border management strategy**

**strateġija għal ġestjoni integrata tal-fruntieri**

Ara wkoll: *strateġija ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri* [IATE:3571342]

3567602

**intercultural understanding**

**fehim interkulturali**

il-fatt li wieħed jifhem ir-reazzjonijiet kulturali differenti għal aspetti differenti tal-esperjenza tal-bniedem

Ara wkoll: *djalogu interkulturali* [IATE:782648].

3578920

**interim evaluation**

**evalwazzjoni interim**

evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea sa tmiem it-tielet sena wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li tqis l-indikaturi li jeżaminaw l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u l-FAEŻR

3567434

**Interinstitutional Agreement on Better Law-Making,**
**Interinstitutional Agreement on Better Regulation**

**Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet,**
**Ftehim Interistituzzjonali dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar**

Adottat fit-13 ta' April 2016. Jissostitwixxi l-*Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet* [IATE:932701] u l-Approċċ Komuni Interistituzzjonli tal-2005 għall-Valutazzjoni tal-Impatt.
Ara wkoll: *regolamentazzjoni aħjar/tfassil aħjar tal-liġijiet* [IATE:929367].

3507335

**Internal Security Fund (ISF)**

**Fond għas-Sigurtà Interna**

fond inizjalment imwaqqaf għall-perjodu li jkopri mill-2014 sal-2020 biex jippromwovi l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġijiet u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea

Il-fond ser jinżamm fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027.

3565531

**international ocean governance, ocean governance**

**governanza internazzjonali tal-oċeani, governanza tal-oċeani**

kunċett li jimplika n-natura olistika tal-oċean u għaldaqstant ir-rikonoxximent li l-problemi huma marbuta mill-qrib waħda mal-oħra u li jridu jitqiesu ħaġa waħda, u n-natura inklużiva tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-implimentazzjoni

3576886

**Internet of Smart Things (IoST)**

**internet tal-oġġetti intelliġenti (IoST)**

*internet tal-oġġetti* [IATE:2228657] li fih l-apparati ta' komunikazzjoni jkunu mgħammra b'*intelliġenza artifiċjali* [IATE:3571274]

3578159

**InvestEU Fund**

**Fond InvestEU**

wieħed mill-komponenti tal-*Programm InvestEU* [IATE:3578156] li jikkonsisti minn garanzija baġitarja tal-UE biex jappoġġja investimenti pubbliċi u privati fl-Ewropa bil-għan li jikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-diskrepanza fl-investimenti bejn il-membri

3578156

**InvestEU Programme, InvestEU**

**Programm InvestEU, InvestEU**

programm li se jkun implimentat bejn l-2021 sal-2027, bil-għan li jġib flimkien taħt saqaf wieħed l-għadd kbir ta' strumenti finanzjarji tal-UE attwalment disponibbli għall-appoġġ lill-investimenti fl-UE, b'tali mod li l-finanzjament tal-UE għal proġetti ta' investiment fl-Ewropa isir aktar sempliċi, aktar effiċjenti u aktar flessibbli

3523953

**Irregularities Management System, Irregularity Management System (IMS)**

**Sistema ta’ Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS)**

applikazzjoni bbażata fuq il-web żviluppata u miżmuma mill-*Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)* [IATE:911171] biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrappurtaw każijiet ta' irregolaritajiet u ta' frodi suspettati

3501184

**IUU vessel list**

**lista ta' bastimenti IUU**

lista ta' bastimenti tas-sajd preżunti li wettqu attivitajiet ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU)

3572186

**Jean Monnet Activities**

**attivitajiet Jean Monnet**

azzjonijiet fil-qafas tal-*programm Erasmus+* [IATE:3539785] li għandhom l-għan li jippromwovu l-eċċellenza fit-tagħlim u fir-riċerka fil-qasam tal-istudji dwar l-Unjoni Ewropea, mad-dinja kollha

Dawn l-attivitajiet irawmu wkoll id-djalogu bejn id-dinja akkademika u dawk li jfasslu l-politiki, speċjalment f'dak li jirrigwarda t-tisħiħ tal-governanza tal-politiki tal-UE.

3516336

**joint degree**

**lawrja konġunta**

programm ta’ studju integrat offrut minn, minn tal-inqas, żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, li jirriżulta f'ċertifikat wieħed ta' lawrja maħruġ u ffirmat b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet parteċipanti kollha u rikonoxxut uffiċjalment fil-pajjiżi fejn ikunu jinsabu l-istituzzjonijiet parteċipanti

Normalment, il-kurrikulu ta' tali lawrji jkun ġie żviluppat u integrat b'mod konġunt u l-istess f'dak li jirrigwarda r-rikonoxximent tal-krediti maqbula. Ġeneralment, l-istudenti jistudjaw fiż-żewġ istituzzjonijiet sħab (jew aktar) involuti pereż. fl-istituzzjoni tal-pajjiż tal-istudent u fl-istituzzjoni barranija.

3576714

**joint programme**

**programm konġunt**

kurrikulu integrat ikkoordinat u offrut b'mod konġunt minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja differenti minn pajjiżi li jagħmlu parti miż-*Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA)* [IATE:923144], u li jwassal għal lawrji doppji/multipli jew għal *lawrja konġunta* [IATE:3516336]

3540115

**Justice Programme**

**Programm dwar il-Ġustizzja**

programm (li jagħmel parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020) li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja billi jippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kif ukoll f'dawk kriminali

3577068

**KETs Technology Centre**

**Ċentru tat-Teknoloġija għall-KETs**

organizzazzjoni pubblika jew privata li twettaq riċerka applikata u innovazzjoni qrib is-suq f'*Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali (KET)* [IATE:3508875]

Dawn iċ-Ċentri jgħinu lill-SMEs jaqsmu mill-hekk imsejjaħ "Wied tal-Mewt" u jgħaddu mil-laboratorju għas-suq biex jiżviluppaw u jipproduċu prodotti bbażati fuq KETs ġodda. Ara wkoll: *Wied tal-Mewt* [IATE:3531603].

3572837

**Key competences for lifelong learning – a European reference framework, European Framework of Key Competences, European Key Competences Framework, Key Competences Framework, Framework of Key Competences for Lifelong Learning, European Reference Framework of Key Competences for Lifelong Learning, European Framework of Key Competences for lifelong learning**

**kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja – qafas Ewropew ta' referenza, Qafas Ewropew ta' Kompetenzi Ewlenin, Qafas ta' Kompetenzi Ewlenin, Qafas Ewropew ta’ Referenza dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, Qafas Ewropew dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, Qafas dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja**

qafas ta' referenza li l-miri prinċipali tiegħu huma li:
a) jiġu identifikati u ddefiniti l-kompetenzi ewlenin meħtieġa għall-impjegabbiltà, għall-iżvilupp personali, għaċ-ċittadinanza attiva u għall-inklużjoni soċjali;
b) jipprovdi għodda Ewropea ta’ referenza għal min ifassal il-politika, għall-edukaturi u l-ħarrieġa, għall-persunal edukattiv, għall-impjegaturi u għall-istudenti stess; u
c) jappoġġja l-isforzi fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, biex jitrawwem l-iżvilupp tal-kompetenzi f’perspettiva ta’ tagħlim tul il-ħajja

Il-kompetenzi ewlenin huma ddefiniti bħala taħlita ta’ għarfien, ħiliet u attitudnijiet, fejn:
a) l-għarfien huwa magħmul minn fatti u ċifri, kunċetti, ideat u teoriji li huma diġà stabbiliti u li jappoġġjaw il-fehim ta’ ċertu qasam jew suġġett;
b) il-ħiliet huma ddefiniti bħala l-abbiltà u l-kapaċità li jitwettqu proċessi u l-użu ta’ għarfien eżistenti sabiex jinkisbu r-riżultati;
c) l-attitudnijiet jiddeskrivu d-dispożizzjonijiet jew il-mentalitajiet biex wieħed jaġixxi jew jirreaġixxi għal ideat, persuni jew sitwazzjonijiet.

3508875

**key enabling technology (KET)**

**teknoloġiji abilitanti essenzjali (KET)**

teknoloġija abilitanti li tkun mistennija tilgħab rwol prinċipali fil-qabża għal ekonomija bbażata fuq l-għarfien, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, meqjusa bħala prekondizzjoni għall-iżgurar tal-benessri, tal-prosperità u tas-sigurtà

Il-KETs huma intensivi fl-għarfien u marbuta ma' intensità għolja ta' riċerka u żvilupp, ċikli rapidi ta' innovazzjoni, nefqa kapitali għolja u impjieg b'ħiliet għoljin. Huma jippermettu l-innovazzjoni fil-proċess, fil-prodotti u fis-servizzi fl-ekonomija kollha u huma ta' rilevanza sistemika. Huma multidixxiplinarji u jkopru ħafna oqsma teknoloġiċi b'tendenza lejn il-konverġenza u l-integrazzjoni. Il-KETs jistgħu jgħinu lil dawk l-aktar avvanzati fit-teknoloġija f'oqsma oħra biex jikkapitalizzaw l-isforzi ta' riċerka li jkunu għamlu.

3578755

**Kozloduy programme**

**programm Kozloduy**

parti mill-*programm finanzjarju speċifiku għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv* [IATE:3578586] li tikkonċerna d-dekummissjonar nukleari tal-unitajiet 1, 2, 3 u 4 tar-reatturi tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Kozloduy, li jinsab f'Kolzloduy, il-Bulgarija

Jekk jiġi adottat, dan il-programm se jissostitwixxi l-programm ta' Kozloduy għall-perjodu 2014-2020 stabbilit skont ir-Regolament (Euratom) Nru 1368/2013.

3561461

**landing obligation, discard ban**

**obbligu ta' ħatt l-art, projbizzjoni fuq l-iskartar**

3576332

**language awareness**

**sensibilizzazzjoni dwar il-lingwi, sensibilizzazzjoni lingwistika**

għarfien espliċitu dwar il-lingwa u perċezzjoni u sensittività konxji fl-apprendiment tal-lingwa, fit-tagħlim tal-lingwa u fl-użu tal-lingwa

3507292

**learning agreement**

**ftehim ta' tagħlim, ftehim ta' apprendiment**

ftehim formalizzat bejn it-tliet partijiet involuti fil-mobbiltà - l-istudent, l-istituzzjoni emittenti u l-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni/l-intrapriża riċeventi - li jsir bil-għan li jiġu ffaċilitati l-organizzazzjoni tal-mobbiltà tal-krediti u r-rikonoxximent tagħha

1. Il-ftehim irid jiġi ffirmat mit-tliet partijiet qabel ma jibda l-perjodu ta' mobbiltà, u huwa intiż biex iservi ta' konferma għall-istudent li l-krediti li jirnexxielu jikseb matul il-perjodu ta' mobbiltà ikunulu rikonoxxuti.
2. Il-frażi "tagħlim u apprendiment" għal "teaching and learning" ġiet stabbilita bi qbil interistituzzjonali f'Novembru 2017.
Inħass il-bżonn li, għal finijiet ta' ċarezza, issir distinzjoni fuq livell nominali f'dak li jirrigwarda l-ekwivalenti MT għal "teaching" u "learning" li għalihom it-tnejn normalment nużaw "tagħlim". B'mod ġenerali, f'test fejn iż-żewġ kunċetti ma jidhrux f'daqqa u s-sens joħroġ b'mod ċar mill-kuntest, ma jeħtieġx li wieħed jintrabat ma' din l-għażla, iżda meta test jirreferi għaż-żewġ kunċetti f'daqqa, tajjeb li ssir din id-distinzjoni minnufih biex b'hekk ma tinħoloqx ambigwità. Għalhekk, f'dan il-każ, tajjeb li jintuża l-varjant "ftehim ta' apprendiment".

3519862

**legal entity**

**entità ġuridika**

kull persuna fiżika, jew ġuridika maħluqa skont id-dritt nazzjonali tal-post tal-istabbiliment tagħha jew skont id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali, li jkollha personalità ġuridika u li tkun intitolata li jkollha jeddijiet u obbligi ta' kull xorta f'isimha proprju

3539380

**long-lived radioactive waste**

**skart radjuattiv b'ħajja twila**

3502804

**management verification, first-level verification**

**verifika ta' ġestjoni, verifika tal-ewwel livell**

kontroll normali minn jum għall-ieħor li jsir mill-maniġment fi ħdan organizzazzjoni biex jiġi żgurat li l-proċessi li jkunu responsabbli minnhom, jitwettqu kif suppost

3578799

**marine data**

***data* tal-baħar**

informazzjoni relatata mal-baħar u mat-trasport marittimu

3539219

**marine litter, marine debris**

**skart fil-baħar, skart tal-baħar**

materjal solidu persistenti, manifatturat jew proċessat li jiġi skartat jew jintrema fil-baħar jew fil-kosta

2245378

**Marine Strategy Framework Directive, Directive establishing a framework for community action in the field of marine environmental policy**

**Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, Direttiva li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin**

3565787

**maritime crime**

**kriminalità marittima**

kategorija ta' kriminalità li tinkludi attivitajiet kriminali diretti lejn bastimenti jew strutturi marittimi u l-użu ta' ibħra internazzjonali biex jitwettqu reati ta' kriminalità organizzata transnazzjonali (bħall-kuntrabandu tal-persuni jew tas-sustanzi illeċiti)

3578805

**maritime security and surveillance**

**sigurtà u sorveljanza marittimi**

l-attivitajiet bit-tir li jinftiehmu, jiġu evitati (fejn applikabbli) u jiġu ġestiti b'mod komprensiv l-avvenimenti u l-azzjonijiet kollha b'rabta mad-dominju marittimu li jista' jkollhom impatt fuq l-oqsma tas-sikurezza u tas-sigurtà marittima, tal-infurzar tal-liġi, tad-difiża, tal-kontroll tal-fruntieri, tal-ħarsien tal-ambjent tal-baħar, tal-kontroll tas-sajd, tal-kummerċ u tal-interess ekonomiku tal-Unjoni

3578800

**maritime skills**

**ħiliet marittimi**

kompetenzi f'aspetti ta' mmanipular ta' bastimenti fil-baħar, u fuq xmajjar jew passaġġi tal-ilma interni oħra, u ta' navigazzjoni, inġinerija tal-bastimenti u oqsma ta' speċjalizzazzjoni, inkluż l-immaniġġjar ta' passiġġieri u merkanzija, sajd u rmonkar

3500521

**maritime spatial planning**

**(i)ppjanar tal-ispazju marittimu**

l-ippjanar u r-regoli dwar l-użi kollha tal-baħar mill-bniedem biex jiġu protetti l-ekosistemi marittimi

3578546

**mechanism to resolve legal and administrative obstacles**

**mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi**

mekkaniżmu volontarju propost mill-Kummissjoni fil-qafas tal-MFF 2021-2027 li jippermetti lil Stat Membru japplika, f'reġjun transfruntier komuni, id-dispożizzjonijiet legali minn Stat Membru fil-viċinat, meta l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali tiegħu stess ikunu jippreżentaw ostaklu legali għall-implimentazzjoni ta' xi proġett konġunt

Jitqies proġett konġunt, kwalunkwe oġġett ta' infrastruttura li jkollu impatt fuq reġjun transfruntier partikolari jew kwalunkwe servizz ta' interess ekonomiku ġenerali pprovdut f'reġjun transfruntier partikolari.

3576890

**megatrend**

**megatendenza**

qabża importanti fil-progress ta' soċjetà jew ta' kwalunkwe qasam jew attività partikolari

3568206

**microplastics**

**mikroplastiċi**

partiċelli tal-plastik b'dijametru mhux aktar minn 5mm

Ara wkoll:
- *mikroplastiċi primarji* [IATE:3568065]
- *mikroplastiċi sekondarji* [IATE:3568154].

3576921

**misinformation**

**miżinformazzjoni**

informazzjoni falza jew mhux preċiża, li ma tkunx ingħatat hekk b'intenzjoni ħażina billi min ikun qed ixerridha jemmen li tkun vera

Importanti li ssir id-distinzjoni bejn "miżinformazzjoni" ("misinformation") u "diżinformazzjoni" ("disinformation"). L-intenzjoni ta' min ikun qed ixerred din tal-aħħar tkun malizzjuża, u għalhekk l-informazzjoni mogħtija tkun intenzjonalment qarrieqa.
Ara wkoll: *diżinformazzjoni* [IATE:1873368].

3572238

**multiannual fisheries management plan, multiannual management plan, multiannual plan**

**pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd, pjan ta' ġestjoni pluriennali, pjan pluriennali**

pjan li permezz tiegħu jiġu ġestiti stokkijiet importanti tal-ħut u tas-sajd u li jkun fih il-mira għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut

3578784

**multi-annual performance monitoring**

**monitoraġġ pluriennali tal-prestazzjoni**

il-monitoraġġ tal-progress tal-*Pjan Strateġiku tal-PAK* [IATE:3576977], espress fil-forma ta' *indikaturi tar-riżultati* [IATE:3578925]

3576647

**Music Moves Europe (MME)**

**Il-Mużika Ċċaqlaq l-Ewropa (MME)**

qafas għal inizjattivi u azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li jappoġġjaw il-mużika fl-Ewropa

3578740

**national Common Agricultural Policy Network, national CAP network**

**Netwerk nazzjonali tal-Politika Agrikola Komuni, netwerk nazzjonali tal-PAK**

netwerk ta' organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet, konsulenti, riċerkaturi u atturi oħra tal-innovazzjoni fil-qasam tal-agrikoltura u tal-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali

3511488

**nearly zero energy building (NZEB)**

**bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero, bini b'użu ta' kważi żero enerġija (NZEB)**

bini li għandu rendiment tajjeb ħafna fl-użu tal-enerġija fejn il-kważi żero enerġija jew l-ammont baxx ħafna ta' enerġija meħtieġa għandha tiġi fil-maġġor parti tagħha minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluża minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli prodotta fuq il-post jew fil-qrib

3577043

**Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument (NDICI)**

**Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)**

programm tal-UE li jippermetti lill-Unjoni tippromwovi l-interessi, il-politiki u l-valuri tagħha barra mill-fruntieri tagħha, b'mod partikolari biex tappoġġja lis-sħab tal-UE fit-trasformazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tagħhom lejn l-iżvilupp sostenibbli, l-istabilizzazzjoni, il-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-ġlieda kontra l-faqar

Permezz ta' dan l-istrument, l-UE toffri appoġġ f'dak li jirrigwarda l-politika tal-viċinat, l-integrazzjoni ekonomika progressiva fis-Suq Uniku tal-Unjoni u l-allinjament mar-regoli u l-istandards tal-UE għall-pajjiżi ġirien.
Diversi strumenti u modalitajiet skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 se jkunu ssimplifikati u integrati fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, b'kopertura dinjija, fosthom: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istrument ta' Sħubija, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi u l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari.

3576925

**neuromorphic computing, neuromorphic engineering**

**computing newromorfiku, inġinerija newromorfika**

l-użu ta' sistemi ta' integrazzjoni fuq skala kbira ħafna, li jkun fihom ċirkwiti analogi elettroniċi li jimitaw in-newroni tal-bniedem

3578719

**new delivery model**

**mudell ta' implimentazzjoni ġdid**

direzzjoni ġdida proposta għall-politika agrikola komuni (PAK) imħabbra mill-Kummissarju Phil Hogan fid-29 ta' Novembru 2017 permezz tal-Komunikazzjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja, fejn fiha l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi l-parametri bażiċi tal-politika (l-objettivi tal-PAK, interventi tat-tip ġenerali, rekwiżiti bażiċi), filwaqt li l-Istati Membri jġorru iktar responsabbiltà u jkunu iktar responsabbli fil-mod kif jilħqu l-objettivi u jiksbu l-miri miftiehma, fejn ikunu jistgħu jfasslu taħtlita ta' miżuri mandatorji u volontarji fil-Pilastru I u fil-Pilastru II biex jilħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi ddefiniti fil-livell tal-UE

3576555

**New European Agenda for Culture, New Agenda for Culture**

**Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura, Aġenda Ġdida għall-Kultura**

strateġija tal-Unjoni Ewropea maħsuba biex tissaħħaħ id-dimensjoni kulturali bħala element indispensabbli fir-relazzjonijiet esterni tal-UE permezz tal-promozzjoni u tal-protezzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali

3550795

**New Narrative for Europe**

**Narrattiva Ġdida għall-Ewropa**

proġett imfassal apposta biex il-komunitajiet artistiċi, kulturali, xjentifiċi u intelletwali jkunu jistgħu jsemmgħu leħinhom u jartikolaw dak li tirrappreżenta l-Ewropa llum u fil-ġejjieni

3576604

**next generation internet**

**internet tal-ġenerazzjoni li jmiss**

tip ta' internet li jikkonċentra iżjed fuq il-bniedem, u li allura jappoġġja l-valuri Ewropej ta' aċċess miftuħ, kooperazzjoni bejn il-fruntieri, deċentralizzazzjoni, inklużività, trasparenza u protezzjoni tal-privatezza

L-internet tal-ġenerazzjoni li jmiss huwa r-riżultat mixtieq tal-*inizjattiva għall-Internet tal-Ġenerazzjoni li Jmiss* [IATE:3576605].

3576605

**Next Generation Internet initiative**

**inizjattiva għall-internet tal-ġenerazzjoni li jmiss**

inizjattiva mnedija mill-Kummissjoni Ewropea bil-għan li ssawwar l-internet tal-futur bħala ekosistema ta' pjattaforma interoperabbli li tkun potenti, miftuħa, xprunata mid-*data* u li tikkonċentra fuq l-utent

Ara wkoll: *internet tal-ġenerazzjoni li jmiss* [IATE:3576604].

3571079

**Nobel Prize**

**Premju Nobel**

premju fil-fiżika, fil-kimika, fil-fiżjoloġija jew fil-mediċina, fil-litteratura, jew fil-paċi li jiġi mogħti ta' kull sena, skont il-wirt ta' Alfred Nobel, jew premju fix-xjenzi ekonomiċi mogħti ta' kull sena b'tifkira ta' Alfred Nobel

Il-Premju Nobel huwa unur internazzjonali li jingħata ta' kull sena mill-gvern Żvediż. Il-premju jingħata lill-persuni li jkunu ddistingwew ruħhom fid-diversi oqsma ta' għarfien, "li ġabu benefiċċji sostanzjali lill-umanità" bir-riċerki, skoperti u invenzjonijiet, bix-xogħol letterarju tagħhom, jew bl-impenn li urew lejn il-paċi fid-dinja. Dan il-premju ġie stabbilit fl-1901 skont l-aħħar xewqat ta' Alfred Nobel (1833-1896), inventur tad-dinamite. Iċ-ċerimonja ssir fl-10 ta' Diċembru, fil-ġurnata tal-mewt tal-fundatur Żvediż.

3568923

**non-compliance, non-conformity**

**nonkonformità, nuqqas ta' konformità**

għall-kriterji tal-eliġibbiltà, l-impenji jew obbligi oħra b'rabta mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna jew l-appoġġ imsemmija fl-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, kwalunkwe nuqqas ta' rispett ta' dawk il-kriterji tal-eliġibbiltà, l-impenji jew obbligi oħra; jew għall-*kundizzjonalità* [IATE:2242154], nonkonformità mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, mal-*istandards għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba* [IATE:2229441] ddefiniti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jew maż-żamma ta' mergħat permanenti msemmija fl-Artikolu 93(3) ta' dak ir-Regolament

Tista' tkun ir-riżultat ta' *ommissjoni* [IATE:3569866] jew ta' xi ħaġa li saret ħażin. Ara l-Artikolu 91(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

3576778

**non-fraudulent irregularity**

**irregolarità mhux frawdolenti**

irregolarità, b'mod partikolari fir-rigward tal-baġit tal-UE, li ma tkunx dehret li tinvolvi mġiba intenzjonata permezz ta' proċedimenti amministrattivi u/jew ġudizzjarji

3576601

**non-programmed reserve**

**riżerva mhux programmata**

sehem minn programm ta' nfiq li jibqa' mhux allokat u li jiġi riżervat għal żviluppi mhux mistennija

3578287

**nuclear decommissioning assistance programme**

**programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari**

programm tal-UE li tnieda biex jipprovdi għajnuna finanzjarja lil-Litwanja, lill-Bulgarija u lis-Slovakkja waqt li dawn ikunu qed jagħlqu u jiddekummissjonaw reatturi nukleari tat-tip Sovjetiku, li ma setgħux jittejbu ekonomikament sal-livell tal-istandards ta' sikurezza tal-Punent fis-siti ta' Ignalina, Kozloduy, u Bohunice, f'konformità mal-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fit-trattati tal-adeżjoni tagħhom

3578542

**nuclear decommissioning assistance programme of the Ignalina nuclear power plant in Lithuania, Ignalina programme**

**programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja, programm Ignalina**

*programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari* [IATE:3578287] propost għall-perjodu 2021-2027 bil-għan li jassisti lil-Litwanja fid-dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Ignalina

3574568

**nutrient management**

**ġestjoni tan-nutrijenti**

prattika li tinvolvi l-użu ta' nutrijenti tal-għelejjel bl-aktar mod effiċjenti possibbli sabiex tittejjeb il-produttività filwaqt li jiġi mħares l-ambjent

Il-prinċipju ewlieni tal-ġestjoni tan-nutrijenti huwa li jsir bilanċ bejn l-inputs tan-nutrijenti tal-ħamrija u r-rekwiżiti tal-għalla. Meta jiġu applikati fil-kwantitajiet u fil-ħinijiet li suppost, in-nutrijenti miżjuda jwasslu għal rendiment tal-għelejjel ottimali; jekk ikun hemm ftit nutrijenti, ir-rendiment jiġi limitat filwaqt li jekk ikun hemm iżżejjed, ikun hemm telf minn lat ekonomiku u jaf issir ħsara lill-ambjent.

3541894

**nutritional security, nutrition security**

**sigurtà nutrizzjonali**

sitwazzjoni fejn kulħadd dejjem jiekol biżżejjed ikel ta' kwalità f'termini ta' varjetà, diversità, kontenut nutrittiv u sigurtà biex jissodisfa l-bżonnijiet tad-dieta tiegħu kif ukoll il-preferenzi tal-ikel tiegħu għal ħajja attiva u fi stat tajjeb tas-saħħa, flimkien ma' ambjent sanitarju, saħħa, edukazzjoni u kura tajbin

Ara wkoll: *sigurtà tal-ikel* [IATE:782483].

3576823

**Observatory of Public Sector Innovation**

**Osservatorju tal-Innovazzjoni fis-Settur Pubbliku**

grupp ta' speċjalisti mwaqqaf mill-OECD biex jagħmel riċerka u analiżi u biex jipprovdi konsulenza dwar l-innovazzjoni fis-settur pubbliku

Dan l-Osservatorju m'għandux jiġi mfixkel mal-*Office of Public Sector Information (OPSI)* [IATE:3548181].

3578801

**ocean literacy**

**għarfien dwar l-oċeani**

il-fehim tal-influwenza tal-oċeani fuqna u tal-influwenza tagħna fuq l-oċeani

3566009

**online privacy, digital privacy, Internet privacy**

**privatezza online, privatezza diġitali, privatezza fl-Internet**

il-protezzjoni ta' *data* personali bħall-isem, l-indirizz u n-numru tal-karta tal-kreditu ta' persuna li taċċessa l-world wide web

3569787

**on-the-spot control, on-the-spot check**

**kontroll fuq il-post, verifika fuq il-post**

tip ta' *kontroll ex post* [IATE:749591] li jikkonsisti minn verifiki li jitwettqu fil-post fejn titwettaq l-attività, u li hu differenti mill-verifiki li jsiru fl-uffiċċji fuq id-dokumenti (*analiżi mhux fuq il-post/eżami dokumentarju* [IATE:3569839])

3578153

**on-the-spot verification**

**verifika fuq il-post**

verifika li titwettaq fuq bażi ta' kampjun matul l-operazzjoni biex jiġu ċċekkjati elementi li ma jistgħux jiġu vverifikati permezz tal-*verifika amministrattiva* [IATE:3578147], pereżempju l-fatt li l-operazzjoni tkun saret realment, il-konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim, il-progress fiżiku, ir-rispett tar-regoli tal-UE u l-akkuratezza tal-informazzjoni rigward l-implimentazzjoni fiżika u finanzjarja tal-operazzjoni

3544498

**open data**

***data* miftuħa**

subsett ta’ *data*, jiġifieri *data* magħmula disponibbli b’mod ħieles biex terġa’ tintuża minn kulħadd, għal skopijiet kummerċjali kif ukoll għal dawk li mhumiex

3564149

**open innovation**

**innovazzjoni miftuħa**

kunċett ta' negozju li jinkoraġġixxi lill-kumpaniji jiksbu sorsi esterni ta' innovazzjoni bil-għan li jtejbu l-linji tal-prodott tagħhom u jnaqqsu ż-żmien meħtieġ biex iqiegħdu l-prodotti fis-suq, u kif ukoll biex jikkummerċjalizzaw jew jirrilaxxaw innovazzjoni li tkun ġiet żviluppata internament u li għalkemm ma tkunx adattata għall-mudell kummerċjali tal-kumpanija jkun hemm il-possibbiltà li tkun użata b'mod effettiv band'oħra

3565391

**open science**

**xjenza miftuħa**

il-prattika tax-xjenza b'tali mod li ħaddieħor jista' jikkollabora u jikkontribwixxi, fejn id-*data* mir-riċerka, in-noti tal-ħidma f'laboratorju u ta' proċessi oħra ta' riċerka jkunu disponibbli liberament, b'kundizzjonijiet li jippermettu l-użu mill-ġdid, ir-ridistribuzzjoni u r-riproduzzjoni tar-riċerka u tad-*data* u l-metodi li ntużaw għaliha

2246071

**operation**

**operazzjoni**

proġett, kuntratt, azzjoni jew grupp ta' proġetti magħżula mill-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-programmi kkonċernati, jew taħt ir-responsabbiltà tagħhom, li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' prijorità jew prijoritajiet;
fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, operazzjoni tikkonsisti mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn programm għall-istrumenti finanzjarji u l-appoġġ finanzjarju sussegwenti pprovdut lir-riċevituri finali minn dawk l-istrumenti finanzjarji

Għal iżjed informazzjoni, ara l-Proposta għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni 2021-2027.

3578128

**operation of strategic importance**

**operazzjoni ta’ importanza strateġika**

*operazzjoni* [IATE:2246071] li tagħti kontribut ewlieni għall-kisba tal-objettivi ta’ programm u li hi soġġetta għal miżuri partikolari ta’ monitoraġġ u ta’ komunikazzjoni

3578923

**output indicator**

**indikatur tal-output**

indikatur li juri r-rabta bejn in-nefqa u l-output imwettaq tal-interventi appoġġjati, u li abbażi tiegħu l-ilħiq tal-objettivi speċifiċi tal-PAK jiġu vvalutati kull sena

3576606

**participatory art**

**arti parteċipattiva**

approċċ meħud fil-qasam tal-arti li jinvolvi lill-membri tal-udjenza b'mod dirett fil-proċess kreattiv u b'hekk jippermettilhom li jsiru koawturi, edituri u osservaturi ta' dik il-biċċa xogħol

3539378

**partitioning**

**separazzjoni**

separazzjoni ta’ radjunuklidi ta’ ħajja qasira (prinċiplament il-prodotti ta’ fissjoni) minn dawk ta’ ħajja twila (prinċipalment dawk msejħa attinidi minuri, Neptunium, Curium, Americium)

3553140

**Partnership Agreement**

**Ftehim ta' Sħubija**

dokument imfassal minn Stat Membru bl-involviment ta' diversi sħab skont l-approċċ ta' governanza fuq diversi livelli, li jistabbilixxi l-istrateġija, il-prijoritajiet u l-arranġamenti ta' dak l-Istat Membru biex juża l-*Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej* [IATE:3548671] b'mod effettiv u effiċjenti, sabiex isegwi l-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv

Dan jiġi approvat mill-Kummissjoni wara valutazzjoni u djalogu mal-Istat Membru kkonċernat.
Din id-definizzjoni tapplika biss fil-kuntest ta' politika strutturali.
Dan il-Ftehim huwa differenti mill-*Ftehim ta' Sħubija Ekonomika* [IATE:923106] u minn ftehim ta' sħubija fil-qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali.

3541260

**Partnership Instrument for cooperation with third countries, Partnership Instrument (PI)**

**strument ta' sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, strument ta' sħubija (PI)**

strument ġdid għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex jiġu avvanzati u promossi l-interessi tal-Unjoni u dawk reċiproċi

3576711

**Pathfinder Group on Automatic Recognition, Pathfinder Group**

**Grupp Pijunier dwar ir-Rikonoxximent Awtomatiku, Grupp Pijunier**

grupp magħmul minn 10 pajjiżi (il-Belġju [kemm il-komunità Franċiża u kif ukoll dik Fjamminga], il-Kroazja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Portugall, is-Slovenja, l-Iżvezja u n-Netherlands) li ġie propost mill-Ministri taż-*Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA)* [IATE:923144] bil-għan li jesplora modi ta' kif jista' jinkiseb ir-*rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifika* [IATE:3576701] permezz ta' sensiela ta' inizjattivi reġjonali, b'konsultazzjoni ma' għadd kbir ta' persuni interessati u permezz tal-analiżi ta' prattiki eżistenti ta' rikonoxximent użati f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja Ewropej

3557092

**people with fewer opportunities**

**persuni b'inqas opportunitajiet**

persuni li jiffaċċjaw ostakli li ma jħalluhomx ikollhom aċċess effettiv għal opportunitajiet skont il-Programm (Erasmus) għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ġeografiċi jew ta' saħħa (inkluż diżabbiltà), minħabba diffikultajiet edukattivi jew minħabba li jkollhom sfond ta' migrant

3578746

**performance assessment**

**valutazzjoni tal-prestazzjoni**

3578748

**performance bonus**

**bonus għall-prestazzjoni**

bonus, propost taħt il-politika agrikola komuni ta' wara l-2020, li jista' jiġi attribwit lill-Istati Membri fis-sena 2026 biex tiġi ppremjata prestazzjoni sodisfaċenti b'rabta mal-miri ambjentali u klimatiċi

3557212

**performance framework**

**qafas tal-prestazzjoni**

sett ta' indikaturi tal-output u tar-riżultati, stadji u miri stabbiliti minn Stat Membru tal-UE biex jimmonitorja u jevalwa, kif ukoll jirrapporta dwar, il-prestazzjoni ta' programm matul l-implimentazzjoni tiegħu

---

3578745

**performance, monitoring and evaluation framework (PMEF)**

**qafas ta’ prestazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni (PMEF)**

---

3527952

**permeability**

**permeabbiltà**

il-grad sa fejn sistema tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew ta' kwalifiki tkun twassal għal possibbiltajiet sew fil-livelli differenti tal-istess sistema (pereżempju bejn il-livell tat-taħriġ u dak tal-edukazzjoni għolja) kif ukoll bejn is-sistemi tal-Istati Membri differenti

---

3576854

**pitching session**

**sessjoni ta' pitching**

sessjoni li matulha l-kompetituri għal proġett partikolari jagħmlu preżentazzjonijiet dwar l-ideat tagħhom (il-"pitch")

---

3576702

**portability of qualifications**

**portabbiltà tal-kwalifiki**

l-abbiltà li wieħed iġorr il-*kwalifiki* [IATE:3518956] tiegħu minn pajjiż għal ieħor u bejn il-varji setturi tal-ekonomija u fi ħdan is-suq tax-xogħol

---

3576880

**positive energy district**

**distrett b'enerġija pożittiva**

grupp ta' binjiet li jkunu jinsabu viċin xulxin u li, fuq bażi annwali, jipproduċu iżjed enerġija primarja milli effettivament ikollhom bżonn

---

3575747

**post-exascale technology**

**teknoloġija fuq skala posteksa**

Ara wkoll:
- *skala eksa* [IATE:3506829]
- *prestazzjoni fuq skala eksa* [IATE:3575746]
- *supercomputer fuq skala preeksa* [IATE:3575752].

3577063

**potential candidate**

**kandidat potenzjali**

entità involuta fil-*proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni* [IATE:924583] għas-sħubija fl-*Unjoni Ewropea* [IATE:878841]

Ara wkoll *pajjiż kandidat potenzjali* [IATE:2245188] u ħu ħsieb li ma tittraduċix dawn il-kunċetti bl-istess mod.
Ara wkoll:
- *pajjiż kandidat* [IATE:921816]
- *pajjiż tat-tkabbir* [IATE:2244985]
- *Stat applikant* [IATE:842220]
- *pajjiż aderenti* [IATE:767391].

2245188

**potential candidate country**

**pajjiż kandidat potenzjali**

pajjiż li jkun qed jinnegozja jew ikun ikkonkluda *ftehim ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni* [IATE:914095] mal-*Unjoni Ewropea* [IATE:878841] u li jkun intitolat japplika għas-sħubija tal-UE taħt it-termini tal-Artikolu 49 tat-*Trattat dwar l-Unjoni Ewropea* [IATE:865789]

Ara wkoll kandidat potenzjali [IATE:3577063] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti.
Termini relatati:
- *pajjiż kandidat* [IATE:921816]
- *pajjiż tat-tkabbir* [IATE:2244985]
- *Stat applikant* [IATE:842220]
- *pajjiż aderenti* [IATE:767391].

3561328

**PPP operation**

**operazzjoni PPP**

operazzjoni li tiġi implimentata jew li hi maħsuba biex tiġi implimentata skont struttura ta' sħubija pubblika-privata

Fil-Proposta għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni 2021-2027 "operazzjoni PPP" hija ddefinita bħala:
operazzjoni implimentata fl-ambitu ta' sħubija bejn korpi pubbliċi u s-settur privat f'konformità ma' ftehim ta' PPP, u li għandha l-għan li tipprovdi servizzi pubbliċi permezz tal-kondiviżjoni tar-riskji, il-ġbir flimkien ta' għarfien espert tas-settur privat jew is-sorsi addizzjonali ta' kapital.

3506860

**pre-commercial procurement, pre-commercial public procurement**

**akkwist prekummerċjali, akkwist pubbliku prekummerċjali**

akkwist li jirrigwarda l-fażi ta' riċerka u żvilupp ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni

3501627

**privacy by design**

**privatezza mid-disinn**

kunċett li jimmira sabiex il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* jkunu inklużi mill-bidu nett, fl-ispeċifikazzjoni tad-disinn u l-arkitettura tas-sistemi u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex tkun iffaċilitata l-konformità mal-prinċipji tal-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*

3578806

**productive aquaculture investment**

**investiment produttiv fl-akkwakultura**

l-investiment fil-kostruzzjoni, fit-tkabbir, fil-modernizzazzjoni jew fit-tagħmir ta’ faċilitajiet fejn issir il-produzzjoni tal-akkwakultura

3578205

**Programme for single market, competitiveness of enterprises, including small and medium-sized enterprises, and European statistics, Single Market Programme**

**Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, u għall-istatistika Ewropea, Programm għas-suq uniku**

programm propost taħt il-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni għall-2021-2027, li għandu l-għan li jsaħħaħ il-governanza tas-suq intern, jappoġġja l-kompetittività tal-industrija u b’mod partikolari tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju (SMEs), billi jippromwovi s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u l-benessri tal-annimali u billi jistabbilixxi l-qafas għall-finanzjament tal-istatistika Ewropea

Il-programm propost ilaqqa' flimkien l-attivitajiet iffinanzjati minn ħames programmi preċedenti fl-oqsma ta':
- il-*kompetittività tan-negozji (COSME)* [IATE:3541983];
- il-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-Regolament UE Nru 254/2014);
- il-klijenti u l-utenti aħħarija fis-servizzi finanzjarji (ir-Regolament UE Nru 2017/826);
- it-tfassil ta' politika fis-servizzi finanzjarji (ir-Regolament UE Nru 258/2014) u
- il-katina alimentari (ir-Regolament UE 652/2014).

3541983

**Programme for the Competitiveness of enterprises and SMEs (COSME)**

**Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs (COSME)**

programm ta' azzjonijiet tal-UE li jindirizza n-nuqqasijiet ewlenin tas-suq biex itejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi, b'mod partikolari ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

3540604

**Programme for the Environment and Climate Action, LIFE Programme, LIFE**

**Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika, Programm LIFE, LIFE**

programm tal-UE dwar il-klima u l-ambjent propost għall-perjodu 2014-2020

3514522

**project pipeline**

**riżerva ta' proġetti**

3573880

**Public Procurement of Innovative solutions, innovation procurement**

**akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi, akkwist ta' innovazzjoni**

akkwist fejn l-awtoritajiet kontraenti jaġixxu bħala klijent għall-preżentazzjoni ta' prodotti jew servizzi innovattivi li għadhom mhumiex disponibbli fuq skala kummerċjali kbira, u li jista' jinkludi ttestjar tal-konformità

3518956

**qualification**

**kwalifika**

l-eżitu formali ta' proċess ta' valutazzjoni u ta' validazzjoni li jinkiseb meta korp kompetenti jiddetermina li individwu jkun kiseb l-eżiti ta' apprendiment skont ċerti standards partikolari

3569328

**quantum technology**

**teknoloġija tal-kwantum**

qasam tal-fiżika u tal-inġinerija, li jibdel ċerti karatteristiki tal-mekkanika tal-kwantum bħal pereż. is-sovrapożizzjoni tal-kwantum f'applikazzjonijiet prattiki bħal pereż. il-quantum computing, il-kriptografija tal-kwantum, is-simulazzjoni tal-kwantum, il-metroloġija tal-kwantum eċċ.

3567189

**radicalisation**

**radikalizzazzjoni**

proċess li bih persuna tasal biex tappoġġja movimenti terroristiċi u forom ta' estremiżmu li jwasslu għat-terroriżmu

3577932

**reduction**

**tnaqqis**

tnaqqis fl-ammont ta' għajnuna jew ta' appoġġ li jkunu se jitħallsu mill-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) b'rabta ma' applikazzjoni għall-għajnuna jew ma' talba għal pagament, affettwati minn nonkonformità jew minn applikazzjonijiet oħra

Ara wkoll:
- *tnaqqis u esklużjoni* [IATE:3501705]
- *esklużjoni* [IATE:870332].

3501705

**reduction and exclusion**

**tnaqqis u esklużjoni**

Ara wkoll:
- *esklużjoni* [IATE:870332]
- *tnaqqis* [IATE:3577932].

3576529

**reform delivery tool**

**għodda għat-twettiq ta' riformi**

strument ġdid propost bħala parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2020, li jappoġġja dawk ir-riformi li l-iktar jistgħu jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-ekonomiji domestiċi u li jkollhom effetti pożittivi kollaterali fuq l-Istati Membri l-oħra

Tali riformi jinkludu riformi fis-swieq tal-prodott u tax-xogħol, riformi tat-taxxa, l-iżvilupp ta' swieq kapitali, riformi biex jitjieb l-ambjent tan-negozju kif ukoll investiment fil-kapital uman u riformi tal-amministrazzjoni pubblika.

3578164

**Reform Support Programme**

**Programm ta' Appoġġ għal Riformi**

programm propost għall-perjodu 2021-2027, li l-għan tiegħu huwa li jappoġġja lill-gvernijiet u lill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri fl-isforzi tagħhom li jfasslu u li jimplimentaw riformi strutturali li jsostnu t-tkabbir

Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi huwa magħmul minn tliet strumenti komplementari separati:
(a) l-*għodda għat-twettiq ta' riformi* [IATE:3576529], li se tipprovdi inċentivi finanzjarji lill-Istati Membri għall-finijiet tal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali identifikati fil-proċess tas-Semestru Ewropew;
(b) l-*istrument ta' appoġġ tekniku* [IATE:3578202], li se jappoġġja, b'miżuri tekniċi, lill-Istati Membri biex iwettqu riformi strutturali istituzzjonali, amministrattivi u li jsostnu t-tkabbir; u
(c) il-*faċilità ta' konverġenza* [IATE:3576607] għall-appoġġ għas-sħubija fiż-żona tal-euro, li se tipprovdi appoġġ addizzjonali, kemm tekniku kif ukoll finanzjarju, lill-Istati Membri, li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li jkunu ħadu passi dimostrabbli lejn l-adozzjoni tal-munita unika f'perjodu ta' żmien speċifikat.

2250467

**Register of Commission Expert Groups and Other Similar Entities**

**Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u Entitajiet Oħra Simili**

dan ir-reġistru jiddistingwi bejn il-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u dawk ta' entitajiet simili oħrajn

Tingħata informazzjoni prezzjuża dwar gruppi ta' esperti individwali u entitajiet simili oħrajn tal-Kummissjoni, bħas-servizzi tal-Kummissjoni li jmexxu l-grupp u l-missjoni, il-kompiti u s-sħubija tal-grupp.
Ir-reġistru jinkludi wkoll id-dokumenti rilevanti diskussi u prodotti mill-gruppi.
Ir-reġistru jikklassifika l-gruppi kif ġej: formali, informali, permanenti, temporanju.

3545093

**Regulation laying down common provisions on the European Regional Development Fund, the European Social Fund, the Cohesion Fund, the European Agricultural Fund for Rural Development and the European Maritime and Fisheries Fund laying down general provisions on the European Regional Development Fund, the European Social Fund, the Cohesion Fund and the European Maritime and Fisheries Fund (Common Provisions Regulation)**

**Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni)**

3547753

**Regulation on the financial rules applicable to the general budget of the Union, Financial Regulation (FR)**

**Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, Regolament Finanzjarju (RF)**

regolament li jistabbilixxi l-prinċipji operattivi u r-regoli bażiċi li jirregolaw il-baġit tal-UE. Dan jittratta bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-baġit u l-kwistjonijiet ta' kontroll, li mhumiex koperti bis-sħiħ fit-trattati tal-UE

3520180

**repayment**

**ħlas lura, ripagament**

3574955

**rescEU**

**rescEU**

riżerva ta' assi apposta proposta għal reazzjonijient f'każijiet ta' diżastri fl-UE bħal pereżempju ajruplani tat-tifi tan-nar mill-ajru fil-foresti, ippumpjar ta' kapaċità għolja, tiftix u salvataġġ urban, sptarijiet fil-post u timijiet mediċi ta' emerġenza, mikrija permezz ta' arranġamenti min-naħa tal-UE jew akkwistati b'finanzjament sħiħ tal-UE

3540641

**Research and Training Programme of the European Atomic Energy Community (2014-2018) complementing the Horizon 2020 Framework Programme for Research and Innovation, Euratom Research and Training Programme, Euratom Programme, 2019–2020 Programme, Research and Training Programme of the European Atomic Energy Community (2019–2020) complementing the Horizon 2020 Framework Programme for Research and Innovation**

**Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, Programm Euratom, Programm 2019-2020, Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019–2020) li jikkumplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020**

programm tal-*Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika* [IATE:780985] li għandu l-għan li jwettaq attivitajiet ta' riċerka u ta' taħriġ b'enfasi fuq titjib kontinwu fejn jidħlu s-sikurezza u s-sigurtà nukleari u kif ukoll il-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari, l-aktar biex potenzjalment jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema enerġetika fuq terminu twil b'mod sikur u effiċjenti

Billi l-programm Euratom huwa maħsub biex jikkumplimenta l-programm *Orizzont 2020* [IATE:3538976] li jkopri perjodu ta' seba' snin u billi t-Trattat tal-Euratom jippermetti li jkun hemm programm ta' riċerka għal ħames snin biss, il-programm ta' riċerka u ta' taħriġ għall-perjodu 2014-2018 ġie estiż bl-istess objettivi, bl-istess attivitajiet u bl-istess mod ta' implimentazzjoni sas-sena 2020.

3578193

**Research and Training Programme of the European Atomic Energy Community for the period 2021-2025 complementing Horizon Europe – the Framework Programme for Research and Innovation**

**Programm ta’ Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni**

programm propost għall-perjodu li jkopri mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025, li għandu l-għanijiet ġenerali segwenti:
(a) li jiżvolġi attivitajiet ta' riċerka u ta' taħriġ nukleari biex jappoġġja t-titjib kontinwu tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari;
(b) li potenzjalment jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni fit-tul tas-sistema tal-enerġija b’mod sikur u effiċjenti

Filwaqt li l-objettivi ġenerali tal-programm propost jikkorrispondu mal-objettivi ġenerali tal-programmi Euratom għall-2014-2018 u l-2019-2020, l-għadd ta' objettivi speċifiċi naqas għal 4 (minn 13), biex jiġi ssodisfat l-objettiv trasverali: is-simplifikazzjoni u l-kisba ta' sinerġiji.

3510583

**resilience to climate change**

**reżiljenza għat-tibdil fil-klima**

il-kapaċità ta' sistema soċjoekonomika:
(1) li tassorbi l-pressjonijiet u li tibqa' tiffunzjona meta tiffaċċja pressjonijiet esterni imposti fuqha mit-tibdil fil-klima u
(2) li tadatta, li tirriorganizza ruħha u li tevolvi f'konfigurazzjonijiet iżjed mixtieqa li jtejbu s-sostenibbiltà tas-sistema u li jgħinuha tkun iżjed ippreparata għal impatti futuri kkawżati mit-tibdil fil-klima

Ara wkoll: ***reżiljenti għat-tibdil fil-klima*** [IATE:3507864].

3578925

**result indicator**

**indikatur tar-riżultati**

indikatur għal objettivi ekonomiċi, ambjentali u soċjali, użat biex jiġu stabbiliti tiri u miri kwantifikati b'rabta ma' dawk l-objettivi speċifiċi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u li jgħin jivvaluta l-progress lejn l-ilħiq ta' dawn il-miri

3576537

**retrospective evaluation**

**evalwazzjoni retrospettiva**

ġudizzju kritiku bbażat fuq l-evidenza dwar jekk intervent ikunx issodisfa l-bżonnijiet li kellu l-għan jissodisfa u jekk fir-realtà jkunx kiseb l-effetti mistennija

3576884

**ride-sharing service**

**servizz ta' ride-sharing**

servizz li jqabbel is-sewwieqa ta' vetturi privati ma' klijenti li jkunu qed ifittxu trasport lokali simili għal dak offrut mit-taxis

3578667

**scheme for the climate and the environment, eco-scheme**

**skema għall-klima u għall-ambjent, ekoskema**

skema ta' appoġġ taħt l-ewwel pilastru tal-PAK, proposta taħt il-politika agrikola komuni ta' wara l-2020, biex jiġu ffinanzjati l-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li josservaw il-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent, li huma differenti mill-*impenji klimatiċi agroambjentali* [IATE:3539566] taħt it-tieni pilastru tal-PAK

3571721

**School Education Gateway**

**School Education Gateway, pjattaforma School Education Gateway**

pjattaforma Ewropea online maħsuba għall-għalliema, għall-mexxejja tal-iskejjel, għal dawk li jfasslu l-politika, għall-esperti u għal professjonisti oħra fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika, li toffri tagħrif dwar il-politiki u l-azzjonijiet Ewropej għall-iskejjel

Is-School Education Gateway hija ffinanzjata mill-Erasmus+, il-programm Ewropew għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażagħ u l-Isports. Din tiġi ġestita f'isem id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea mill-European Schoolnet, u tinvolvi sħubija internazzjonali ta' 31 Ministeru tal-Edukazzjoni Ewropej li jiżviluppaw it-tagħlim għall-iskejjel, għall-għalliema u għall-istudenti madwar l-Ewropa kollha.

3574941

**School of European and Transnational Governance, School of Transnational Governance**

**Skola tal-Governanza Ewropea u Transnazzjonali, Skola tal-Governanza Transnazzjonali**

skola li s-sede tagħha tinsab fl-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze, li għandha l-ambizzjoni li ssir ċentru ta' referenza internazzjonali u hub għar-riċerka, it-tagħlim u t-taħriġ ta' livell għoli f'dak li jirrigwarda l-*governanza transnazzjonali* [IATE:3576557] Ewropea u reġjonali

3561160

**sea basin strategy**

**strateġija tal-baċiri tal-baħar**

qafas strutturat ta’ kooperazzjoni fir-rigward ta’ żona ġeografika partikolari, żviluppat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mill-Istati Membri, mir-reġjuni tagħhom u, fejn xieraq, minn pajjiżi terzi li jikkondividu baċir tal-baħar

L-istrateġija tal-baċiri tal-baħar tqis l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi, klimatiċi, ekonomiċi u politiċi tal-baċiri tal-baħar.

---

3570023

**seal of excellence**

**siġill ta' eċċellenza**

tikketta ta' kwalità għolja li tingħata lill-proġetti ppreżentati għall-programm Orizzont 2020 li jkunu tqiesu bħala li jistħoqqilhom il-finanzjament iżda li ma jkunux irċevewh minħabba limiti baġitarji

---

3576908

**self-healing software**

**software awtoriparatorju**

software li huwa kapaċi jidentifika l-ħsarat tiegħu stess u jirreaġixxi għalihom

Sistema ta' software bħal din hija kapaċi teżamina n-nuqqasijiet tagħha u tagħmel il-korrezzjonijiet li hemm bżonn biex tirranġahom.

---

3569237

**semantic interoperability**

**interoperabbiltà semantika**

l-abbiltà ta' sistemi kompjuterizzati li jiskambjaw *data* b'tifsira mhux ambigwa u li tkun aċċessibbli faċilment; rekwiżit li jippermetti l-loġika kompjutabbli tal-magni, l-inferenzjar, l-iskoperta tal-għarfien u l-federazzjoni tad-*data* bejn is-sistemi tal-informazzjoni

L-aspett semantiku jirreferi għat-tifsira tal-elementi tad-*data* u r-relazzjoni bejniethom. Din tinkludi l-iżvilupp ta' vokabularji u skemi biex jiġu deskritti l-iskambji tad-*data* u jiġi żgurat li l-elementi tad-*data* jinftiehmu bl-istess mod mill-partijiet kollha li jkunu qegħdin jikkomunikaw.

---

3578126

**serious deficiency**

**defiċjenza serja**

defiċjenza fil-funzjonament kif suppost fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll ta' programm fejn titjib sinifikanti huwa meħtieġ fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll

---

3506369

**single rule book, single rulebook**

**ġabra unika tar-regoli**

sett uniku ta' regoli prudenzjali armonizzati li l-banek fl-UE kollha jridu jirrispettaw, propost mill-Kummissjoni bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital

3576879

**smart mobility**

**mobbiltà intelliġenti**

approċċ fir-rigward tal-ippjanar tat-trasport li jagħti prijorità lit-tnaqqis fit-tniġġis u fil-konġestjoni

3553131

**smart specialisation strategy**

**strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti**

strateġija ta' innovazzjoni nazzjonali jew reġjonali li tistabbilixxi prijoritajiet sabiex jinbena vantaġġ kompetittiv billi jiġu żviluppati u pareġġati l-punti ta' forza tar-riċerka u tal-innovazzjoni mal-ħtiġijiet kummerċjali bil-għan li jiġu indirizzati l-opportunitajiet emerġenti u l-iżviluppi fis-suq b'mod koerenti, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni tal-isforzi

L-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tista' tieħu l-forma ta' (jew tiġi inkluża fi) qafas ta' politika strateġika ta' riċerka u ta' innovazzjoni (R&I) nazzjonali jew reġjonali.

3576650

**social regeneration**

**riġenerazzjoni soċjali**

interventi u approċċi soċjali li jiffukaw fuq it-titjib dirett tal-kwalità tal-ħajja għall-benefiċċju ta' komunitajiet lokali (bħat-twassil aħjar ta' servizzi soċjali f'lokalitajiet foqra), filwaqt li jsaħħuhom fi kwalunkwe tip ta' proċess ta' riġenerazzjoni

3576887

**software-defined infrastructure**

**infrastruttura ddefinita minn software**

infrastruttura tal-computing li tkun kompletament taħt il-kontroll ta' software mhux uman

3504552

**space situational awareness, SSA**

**għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju, SSA**

għarfien komprensiv tal-popolazzjoni ta' oġġetti spazjali, tat-theddidiet u r-riskji eżistenti, u tal-ambjent spazjali

3547600

**space surveillance and tracking (SST)**

**sorveljanza u insegwiment fl-ispazju (SST)**

l-identifikazzjoni u s-sorveljanza ta' satelliti u residwu tal-ispazju, ir-reġistrar tal-pożizzjoni tagħhom, u l-insegwiment tal-movimenti tagħhom meta jkun ġie identifikat riskju ta' kolliżjoni sabiex l-operaturi ta' satelliti jintalbu jċaqilqu s-satelliti tagħhom

B'hekk jiġu evitati kolliżjonijiet u ħsara għall-infrastruttura u l-atmosfera.

3578540

**specific programme implementing Horizon Europe – the Framework Programme for Research and Innovation, specific programme implementing Horizon Europe**

**programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa**

programm propost għall-perjodu 2021-2027 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-programm qafas *Orizzont 2020* [IATE:3576720] u li jistipula l-objettivi operazzjonali u l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni ċivili

Id-dispożizzjonijiet dettaljati għall-finanzjament tal-Unjoni għall-proġetti ta' riċerka fil-qasam tad-difiża (fil-proposta dwar l-Orizzont Ewropa [CELEX:52018PC0435/MT] issir referenza għalihom bħala l-programm speċifiku ta' riċerka dwar id-difiża) u l-allokazzjoni baġitarja għalih huma ffissati fil-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża (CELEX:52018PC0476/MT).

---

3578498

**Stabilisation Support Fund**

**Fond ta' Appoġġ għall-Istabilizzazzjoni**

fond li għandu jiġi stabbilit għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE ta' wara l-2020, bil-għan li jiffinanzja s-sussidju tar-rata tal-imgħax biex ipaċi l-kostijiet tal-imgħax tas-self ipprovdut fil-qafas tal-*Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti* [IATE:3578175]

---

3576822

**Startup Europe Partnership**

**Sħubija Startup Europe**

inizjattiva mnedija mill-Kummissjoni Ewropea biex tgħin lill-kumpaniji ġodda jsiru kumpaniji li qed jespandu billi torbothom ma' korporazzjonijiet u ma' Boroż globali

Ara wkoll:
- *negozju ġdid* [IATE:900055]
- *kumpanija li qed tespandi* [IATE:3567667].

---

3568805

**Structural Reform Support Programme**

**Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali**

programm bl-objettiv ġenerali li jikkontribwixxi għar-riformi istituzzjonali, amministrattivi u strutturali li jsostnu t-tkabbir fl-Istati Membri

Dan il-Programm jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali għall-miżuri mmirati biex jirriformaw u jsaħħu l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni pubblika, u s-setturi ekonomiċi u tas-soċjetà b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali, bil-ħsieb li jtejbu l-koeżjoni, il-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi, u l-investiment, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika.

---

3565784

**Structural Reform Support Service**

**Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali**

servizz tal-Kummissjoni inkarigat mit-tmexxija u l-koordinament tas-sostenn li jingħata għar-riformi amministrattivi u strutturali suxxettibbli li jtejbu t-tkabbir

3578807

**sustainable blue economy**

**ekonomija blu sostenibbli**

l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha fis-suq uniku kollu, marbuta mal-oċeani, mal-ibħra, mal-kosti u mal-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni ultraperifiċi u l-pajjiżi interni tal-Unjoni, li jinkludu s-setturi li qegħdin jiżviluppaw u l-prodotti u s-servizzi mhux tas-suq, li huma konsistenti mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni

3543793

**Sustainable Development Goal (SDG)**

**Għan ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDG)**

fil-Konferenza Rio+20 intlaħaq qbil dwar it-tnedija ta' proċess mill-istati membri biex jiġi żviluppat sett ta' għanijiet li jibnu fuq l-*Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju* [IATE:927771] u li jkunu konformi mal-aġenda tal-iżvilupp għal wara l-2015

3578743

**target plan**

**pjan tal-miri**

wieħed mill-elementi tal-*pjan strateġiku tal-PAK* [IATE:3576977] li jikkonsisti minn tabella rikapitulattiva li tindika l-miri u kif ukoll l-objettivi intermedji annwali

3578154

**Teacher Academy**

**Teacher Academy**

parti mill-i*School Education Gateway* [IATE:3571721], pjattaforma li tipprovdi lill-għalliema b'katalgu ċentrali ta' korsijiet ta' taħriġ rilevanti madwar l-Ewropa, kemm online u kemm fuq il-post, u li tippermettilhom jiskopru firxa wiesgħa ta' opportunitajiet ta' taħriġ u ta’ żvilupp professjonali kif ukoll ta' riżorsi għall-klassi tagħhom

3573072

**Teaming action, Teaming**

**Azzjoni għall-Ħolqien ta' timijiet, Ħolqien ta' timijiet**

l-assoċjazzjoni ta' istituti tar-riċerka avvanzata ma' istituzzjonijiet, aġenziji jew reġjuni oħra għall-ħolqien jew għat-titjib ta' ċentri ta' eċċellenza eżistenti

3578202

**technical support instrument**

**strument ta' appoġġ tekniku**

wieħed mit-tliet strumenti proposti fil-qafas tal-*Programm ta' Appoġġ għal Riformi* [IATE:3578164] li għandu l-għan li jappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom fit-tfassil, fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tar-riformi

L-istrument ta' appoġġ tekniku huwa mfassal b'tali mod li jkompli fuq il-ħidma tal-*Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP)* [IATE:3568805].

3504657

**transcript of records, transcript**

**traskrizzjoni tar-rekords, traskrizzjoni**

dokument li jipprovdi rekord preċiż u aġġornat tal-progress u tal-prestazzjoni tal-istudenti u li jindika x'komponenti edukattivi jkunu ħadu, l-għadd ta' krediti (ECTS) li jkunu kisbu u l-marki li jkunu ngħataw

3566676

**Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development, 2030 Agenda for Sustainable Development, 2030 Agenda**

**Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, Aġenda 2030**

ftehim globali li jistabbilixxi aġenda universali u komprensiva għal azzjoni, li tinkludi sett ambizzjuż ta' 17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u 169 mira assoċjata, li timmobilizza l-pajjiżi u l-partijiet interessati kollha biex dawn jinkisbu u jaffettwaw il-politiki lokali

3576557

**transnational governance**

**governanza transnazzjonali**

it-tfassil ta' politiki u l-implimentazzjoni ta' politiki minn fruntiera nazzjonali għal oħra, li normalment jinvolvu *atturi statali* [IATE:3520982] u *atturi mhux statali* [IATE:920502] f'kapaċitajiet u konfigurazzjonijiet differenti

3573073

**Twinning action, Twinning**

**Azzjoni ta' ġemellaġġ, Ġemellaġġ**

azzjoni tal-Orizzont 2020 bil-għan li tibni fuq il-potenzjal tan-netwerking għall-eċċellenza permezz tat-trasferiment tal-għarfien u, l-iskambju tal-aqwa prattiki bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka u s-sħab ewlenin

3544670

**unintended catch, unwanted catch**

**qabda mhux intenzjonata, qabda mhux mixtieqa**

qabda inċidentali ta' organiżmi tal-baħar li jridu jinħattu, jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti, minħabba li, jew ikunu taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jew inkella għax jaqbżu l-kwantitajiet permessi skont ir-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-qabdiet inċidentali

3551016

**Union fisheries control system, EU's fisheries control system**

**sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni, sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE**

sistema ta' kontroll imfassla biex tiżgura l-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd

3510680

**Union law**

**dritt tal-Unjoni**

sistema legali unika li topera biswit il-liġijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

3568813

**Union programme on interoperability solutions and common frameworks for European public administrations, businesses and citizens, (ISA2)**

**programm tal-Unjoni dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA2)**

programm ta' segwitu tal-*ISA* (2010-2015) [IATE:3503097] li jappoġġja l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali interoperabbli li se jkunu disponibbli għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej kollha li jkunu interessati

Dan il-programm beda fl-1 ta' Jannar 2016 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

3522849

**United Nations Conference on Sustainable Development (UNSCD), Rio+20**

**Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, (UNSCD), Rio+20**

Organizzata f'Rio de Janeiro f'Ġunju 2012.

3531603

**valley of death**

**wied tal-mewt**

3578089

**virtual cooperation**

**kooperazzjoni virtwali**

kwalunkwe forma ta’ kooperazzjoni li tuża għodod tat-teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni

3576730

**Year of Listening**

**Sena tas-Smigħ**

3548792

**Youth Employment Initiative (YEI)**

**Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI)**

inizjattiva li tiddisponi fondi mill-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020 bħala għajnuna biex ir-reġjuni b'rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ogħla minn 25% jimplimentaw miżuri li jippromwovu l-impjiegi għaż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-*Garanzija għaż-Żgħażagħ* [IATE:3529377]

3578090

**youth participation activity**

**attività ta’ parteċipazzjoni taż-żgħażagħ**

attività barra mill-iskola li tiġi organizzata minn gruppi informali ta’ żgħażagħ [IATE:1559885] u/jew minn *organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ* [IATE:1560013], u li tkun karatterizzata minn approċċ ta’ *tagħlim mhux formali* [IATE:907293]

3566718

**youth wiki tool, Youth Wiki**

**għodda wiki taż-żgħażagħ, Wiki taż-Żgħażagħ**

pjattaforma online li tippreżenta tagħrif fir-rigward tal-politiki dwar iż-żgħażagħ tal-pajjiżi Ewropej

3576848

**EU Prize for Women Innovators, Women Innovators Prize**

**Premju tal-UE għall-innovaturi nisa, Premju għall-innovaturi nisa**

premju mogħti mill-UE lill-intraprendituri nisa li jkunu żviluppaw u introduċew fis-suq xi innovazzjoni eċċezzjonali